# STATUT
# PARTIT NAZZJONALISTA

Kunsill Ġenerali PN

25 ta' Ġunju, 2020

Statut biex jirregola l-formazzjoni, l-istrutturi interni u l-funzjonament tal-Partit Nazzjonalista

## TQASSIM TAL-ISTATUT


| Artiklu | | Paġna |
|---|---|---|
| | **Taqsima 1 – Bidu** | |
| 1 | Isem | 4 |
| 2 | Viżjoni u Missjoni | 4 |
| 3 | Struttura | 6 |
| | **Taqsima II – Governanza** | |
| 4-9 | Sħubija | 7 |
| 10 | Organizzazzjoni | 8 |
| 11 | Uffiċjali | 9 |
| 12-27 | Kumitati Sezzjonali | 9 |
| 28-43 | Kumitati Reġjonali | 13 |
| 44-51 | Kumitat Eżekuttiv | 17 |
| 52 | Segretarju Ġenerali | 20 |
| 53 | President Riċerka Politika | 22 |
| 54 | President Djalogu Soċjali | 22 |
| 55-56 | Chairperson Kumitat Eżekuttiv | 23 |
| 57 | Chairperson Kunsill Amministrattiv | 24 |
| 58 | Segretarju Eżekuttiv Organizzattiv | 24 |
| 59 | Segretarju Internazzjonali | 25 |
| 60 | Teżorier | 25 |
| 61 | Diretturi | 26 |
| 62 | Fergħat | 26 |
| 63 | Forum tal-Fergħat | 27 |
| 64-73 | Kunsill Amministrattiv | 28 |
| 74 | ELCOM | 30 |
| 75 | Kumitat tat-Tmexxija | 31 |
| 76-78 | Bord ta' Reviżuri | 31 |
| 79-82 | Kunsill Ġenerali | 32 |
| 83 | Kap tal-Partit | 34 |
| 84 | Viċi Kap | 35 |
| 85-88 | President tal-Kunsill Ġenerali | 35 |
| 89-98 | Elezzjoni Kap u Viċi Kap | 36 |
| 99-103 | Konvenzjoni Ġenerali | 39 |
| 104 | Kunsill Konsultattiv Anzjan | 39 |

### Taqsima III – Il-Partit fil-Parlament Malti, Ewropew u fil-Kunsilli Lokali


| | | |
|---|---|---|
| 106-117 | Il-Grupp fil-Parlament Malti | 41 |
| 118-123 | Il-Grupp fil-Parlament Ewropew | 43 |
| 124-125 | Il-Kunsilliera Lokali | 44 |
| 126-128 | Provediment Ġenerali | 44 |


### Taqsima IV – Komunikazzjoni mal-Poplu


| | | |
|---|---|---|
| 129-130 | Direttorat Komunikazzjoni | 46 |
| 131-132 | Direttur Komunikazzjoni | 47 |


### Taqsima V – Kummissjonijiet


| | | |
|---|---|---|
| 133-139 | Kummissjoni Kandidati | 48 |
| 140-147 | Kummissjoni Etika u Dixxiplina | 50 |
| 148-160 | Kummissjoni Elettorali, Rekords u Data | 52 |


### Taqsima VI – Ġenerali u Klawsola Transitorja


| | | |
|---|---|---|
| 161 | Ilsien Uffiċjali | 57 |
| 162 | Emblema tal-Partit | 57 |
| 163-164 | Personalità Ġuridika | 57 |
| 165-168 | Mili ta' vakanza | 57 |
| 169 | Tifsir | 59 |
| 170 | Regolamenti | 60 |
| 171 | It-Test Malti | 61 |
| 172 | Klawsola Transitorja | 61 |


### SKEDA


Elezzjoni ta' membri għall-Kunsill Ġenerali (Art. 81 (a)) 63

## TAQSIMA I – BIDU

### Isem

**1.** (1) L-isem uffiċjali tal-partit huwa Partit Nazzjonalista. Il-Partit, imwaqqaf f'Malta u Għawdex, huwa membru tal-Partit Popolari Ewropew (PPE).

(2) Il-Partit Nazzjonalista huwa partit tan-nies b'vokazzjoni li jservi l-interess tal-ġid komuni tal-poplu Malti u Għawdxi u li jaħdem b'risq id-dinjità umana.

### Viżjoni u Missjoni

**2.** (1) L-għan ewlieni tal-Partit Nazzjonalista hu l-iżvilupp tan-nazzjon b'mod l-iktar sħiħ, ġust, demokratiku u sostenibbli għat-tgawdija ta' kulħadd bil-ħarsien u t-twettiq tal-ġid komuni.

(2) Il-pern tal-missjoni tal-partit huwa l-benesseri ta' kulħadd, f'rispett sħiħ għall-valur tal-ħajja umana, għad-dinjità inaljenabbli ta' kull persuna umana u għall-jeddijiet tagħha fi fraternità ta' bnedmin f'umanità waħda b'diversità ta' kulturi.

(3) Il-partit jimpenja ruħu li jaħdem għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja ta' kull persuna msejsa fuq il-libertà, id-demokrazija, l-ekwità, l-inklużjoni u l-ġustizzja soċjali fi Stat fejn tirrenja s-Saltna tad-Dritt.

(4) Il-partit iħares lejn il-politika bħala l-ogħla sejħa u impenn għal servizz b'rieda tajba fl-interess tal-poplu u bħala għodda fejjieda u lajka fir-realtà tal-ħajja ta' kuljum li jaffaċċjaw in-nies.

(5) Fil-ħidma tiegħu l-partit ifittex li l-Istat ikun il-qaddej ta' niesu. Dan għandu jsir billi d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod trasparenti dejjem fl-eqreb livell tan-nies skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà bis-sehem attiv ta' kull ċittadin.

(6) Il-partit jemmen bis-sħiħ li f'dinja globalizzata s-solidarjetà hija t-tarka ewlenija biex ħadd ma jibqa' lura fil-mixja tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali u fis-servizzi li joffri l-Istat.

(7) Il-partit jibqa' jgħasses biex għall-ġejjieni l-poplu jkompli jgawdi l-aqwa ġid. Għalhekk jispikka s-sehem ewlieni tiegħu fil-modernizzazzjoni ta' pajjiżna. Il-kisbiet tal-Indipendenza u s-sħubija fl-Unjoni Ewropea huma fost il-kisbiet storiċi li sawruna f'nazzjon sovran, modern u Ewropew.

(8) Filwaqt li jħaddan soċjetà dejjem iżjed pluralistika u multi-kulturali, il-partit jemmen f'soċjetà inklussiva fejn tixxettel l-għaqda b'kultura ta' djalogu fir-rispett tad-diversità ta' fehmiet u twemmin, u fejn jopponi kull forma ta' mibegħda u vjolenza.

(9) Il-partit iqis id-dinja bħala d-dar komuni tagħna u tal-ġenerazzjonijiet futuri. Għaldaqstant jagħraf li l-aqwa mezz biex iseddaq kwalità ta' ħajja aħjar għal kulħadd hu li bi prijorità jħares u jippromwovi l-ambjent, ir-riżorsi naturali, il-beni komuni u l-ispazji pubbliċi. Il-partit iqis l-ambjent bħala parti essenzjali mill-wirt komuni tal-bniedem. F'dan kollu jagħti prijorità lit-tibdil fil-klima u dan jagħmlu b'kejl li jqis il-ġustizzja ambjentali u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri.

(10) Il-Partit iwettaq dawn il-prinċipji u jimpenja ruħu li jaħdem biex:

a) kulħadd jiżviluppa u jħares saħħtu, mill-konċepiment sal-aħħar nifs, bl-enfasi fuq il-kwalità tal-ħajja, f'familja mibnija fuq l-imħabba, mingħajr id-dellijiet ta' faqar, diskriminazzjoni, abbuż u esklużjoni;

b) kulħadd, tul ħajtu, ikollu l-opportunità għall-edukazzjoni u li jiżviluppa l-ħiliet individwali tiegħu bl-għajnuna tal-aqwa tagħlim u appoġġ personalizzat, u li jipparteċipa bis-sħiħ fil-ħajja tal-familja, tax-xogħol u tas-soċjetà ċivili;

c) kulħadd jieħu sehem fl-iżvilupp ekonomiku li jkattar xogħol dinjituż imħallas b'mod ġust, u f'qafas ta' istituzzjonijiet li jħarsu l-interessi tal-ħaddiema u l-impriżi, partikolarment dawk żgħar u medji, li jippromwovu l-inizjattiva u l-imprenditorjalità b'investiment qawwi fil-faċilitajiet tar-riċerka, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni;

d) kulħadd jibbenefika mit-tkattir tal-faċilitajiet kulturali u jistagħna fl-għarfien u l-imħabba tal-wirt storiku, kulturali u tal-arti biex nibqgħu niġġeddu soċjalment bil-ħiliet kreattivi u artistiċi tal-poplu tagħna; u

e) il-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri jkollhom Stat li jibqa' jagħmel kemm jista' biex iseħħu l-paċi u l-ġustizzja f'Malta, fl-Ewropa u fid-dinja, l-aktar fil-Mediterran fejn jiltaqgħu u jitħalltu ċiviltajiet differenti.

(11) Il-partit jimpenja ruħu li jimxi fuq dawn il-prinċipji fl-istess waqt li jfittex li jaħdem bis-sħiħ ma' kull persuna, entità u mal-volontarjat fis-soċjetà li għandhom għal qalbhom il-ġid komuni tal-poplu Malti u tal-bnedmin.

**Struttura**

**3.** Fl-assjem tiegħu l-partit huwa nisġa ta' tliet oqsma ewlenin li jaħdmu f'sinerġija ma' xulxin u f'kull livell:

a) il-governanza tal-partit;

b) ir-rappreżentanza tal-poplu; u

c) il-komunikazzjoni.

## TAQSIMA II – GOVERNANZA TAL-PARTIT

### Sħubija

**4.** (1) Persuna li tagħżel li tissieħeb membru fil-partit għandha:

a) tkun ċittadina Maltija;
b) tħaddan il-prinċipji, l-Istatut u d-dixxiplina tal-Partit;
c) tkun għalqet l-erbatax-il sena; u
d) tiġi approvata mill-Kumitat Eżekuttiv.

(2) L-ebda persuna ma tista' tiġi prekluża minn sħubija fil-partit fuq xi bażi ta' diżabbiltà, sess, orjentament sesswali, razza, twemmin reliġjuż jew identità tal-ġeneru.

(3) Persuna li tissieħeb fil-partit għandha, qabel tiġi approvata mill-Kumitat Eżekuttiv, timla formola preskritta, bil-mod l-aktar konvenjenti inkluż online, liema formula għandha tintbagħat lill-kumitat sezzjonali tal-lokal fejn il-persuna normalment tirrisjedi biex tiġi sekondata.

(4) Il-partit mhux meħtieġ li jagħti raġuni għal xi rifjut ta' xi applikazzjoni għal sħubija.

**5.** Huma biss il-membri li jkunu ħallsu d-drittijiet ta' sħubija li:

a) ikollhom dritt għall-vot fi ħdan l-istrutturi tal-partit; u jistgħu
b) jokkupaw karigi uffiċjali;
c) ikunu membri f'xi organizzazzjoni tal-partit;
d) ikunu intitolati għat-tessera; u
e) ikunu kandidati f'isem il-partit f'xi elezzjoni f'Malta u f'Għawdex.

**6.** (1) Membri tal-partit jiddekadu mis-sħubija b'effett immedjat jekk jirriżulta li:

a) issieħbu f'partit politiku ieħor;
b) issieħbu f'xi organizzazzjoni, f'Malta jew barra, li n-natura u l-prinċipji tagħha jkunu meqjusa mill-Kumitat Eżekuttiv li jmorru kontra l-prinċipji jew l-interessi tal-partit;
c) irtiraw is-sħubija tagħhom mill-partit; jew
d) irrifjutaw li jħallsu l-ħlas dovut tas-sħubija.

(2) Persuna ma tibqax iżjed kunsidrata membru tal-partit jekk taġixxi b'mod li l-Kumitat Eżekuttiv iqis li jippreġudika l-aħjar interessi tal-partit.

**7.** (1) Ħlief fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 6 (1), il-Kumitat Eżekuttiv biss jista' jiddeċiedi kwestjonijiet dwar xi sospensjoni, tkeċċija jew sħubija ta' membri fil-partit, u dan wara li jqis ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Amministrattiv.

(2) F'xi każ bħal dan, il-membri konċernati għandhom jingħataw avviż bil-miktub għall-anqas tmint ijiem qabel id-data tal-laqgħa li fiha l-Kumitat Eżekuttiv ikun se jittratta l-każ. Il-membri għndhom id-dritt ikunu preżenti u jressqu l-każ u d-difiża li jidhrilhom xierqa, iżda m'għandhomx dritt ikunu preżenti waqt id-diskussjoni u d-deċiżjoni fuq il-mertu tal-każ rispettiv. Tali deċiżjoni għandha tiġi komunikata bil-miktub lill-membri inkwistjoni.

(3) Il-partit m'għandux ikun meħtieġ jippubblika raġuni għal xi deċiżjoni dwar is-sħubija ta' membri.

(4) Membri jistgħu jirriżenjaw mis-sħubija fil-partit billi jinformaw bil-miktub lill-Kunsill Amministrattiv.

(5) Persuna li ma tibqax imsieħba fil-partit tiddekadi awtomatikament minn kull kariga jew sħubija f'xi organizzazzjoni tal-partit.

**8.** Persuni li mhumiex ċittadini Maltin iżda li huma regolarment residenti f'Malta u huma reġistrati bħala eletturi għall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali jew tal-Parlament Ewropew jistgħu jkunu Membri Assoċjati fil-partit sakemm jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-artiklu 4.1 (b), (c) u (d). Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jistieden Membri Assoċjati biex jikkontestaw elezzjoni għal xi Kunsill Lokali jew għall-Parlament Ewropew f'isem il-partit.

**9.** Ħlief għall-provvedimenti tal-artikoli 6 (2) u 7 (1), (2) u (3) ta' dan l-Istatut, il-funzjonijiet l-oħra tal-Kumitat Eżekuttiv taħt din il-parti ta' sħubija tal-Istatut jistgħu jiġu eżerċitati mill-Kummissjoni Elettorali Rekords u Data mwaqqfa bl-artiklu 148.

## Organizzazzjoni

**10.** Il-partit għandu jkun organizzat kif ġej:

Livell Lokali:
Kumitati Sezzjonali

Livell Reġjonali:
Kumitati Reġjonali

Livell Nazzjonali:
Kumitat Eżekuttiv
Forum tal-Fergħat
Kunsill Amministrattiv
Kumitat tat-Tmexxija
Kunsill Ġenerali
Konvenzjoni Ġenerali
Kummissjonijiet

Livell Rappreżentattiv:
Grupp Parlamentari
Ewroparlamentari
Kunsilliera Lokali

**Uffiċjali**

**11.** (1) Il-partit għandu jkollu l-uffiċjali li ġejjin:

a) Kap tal-Partit;
b) Viċi Kap;
c) Segretarju Ġenerali;
d) President tal-Kunsill Ġenerali;
e) President Riċerka Politika;
f) President Djalogu Soċjali;
g) Chairperson Kumitat Eżekuttiv;
h) Chairperson Kunsill Amministrattiv;
i) Segretarju Eżekuttiv Organizzattiv;
j) Segretarju Internazzjonali;
k) Segretarju Grupp Parlamentari;
l) President Kulleġġ Kunsilliera Lokali; u
m) Teżorier.

(2) Dawn l-uffiċjali għandhom jiġu maħtura skont il-provvedimenti ta' dan l-Istatut.

**Kumitati Sezzjonali**

**12.** (1) Il-membri għandhom iwaqqfu Kumitat Sezzjonali f'kull lokal skont kif jiġi deċiż mill-Kunsill Amministrattiv biex tiġi żviluppata aħjar il-politika u l-organizzazzjoni tal-partit fuq livell lokali.

(2) Sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, il-kelma 'kumitat' f'din il-parti tfisser Kumitat Sezzjonali.

**13.** Il-kumitati għandhom:

a) ikunu responsabbli għall-organizzazzjoni u l-ħidma tal-partit fil-lokalità skont id-direzzjoni tal-organizzazzjoni ċentrali tal-partit;

b) jistiednu persuni mil-lokal jissieħbu fil-partit u kull sena jiġbru d-dritt dovut tas-sħubija;

c) jippjanaw, iwettqu u jikkoordinaw il-ħidma lokali konnessa ma' xi elezzjoni fil-pajjiż jew fil-lokal;

d) jiddiskutu l-politika u l-programm tal-partit u jmexxuhom 'il quddiem fil-lokalità b'kull mezz possibbli, kif ukoll jiddiskutu kwistjonijiet nazzjonali u lokali u jressqu quddiem il-partit il-proposti tagħhom dwarhom;

e) iwettqu l-ħidma meħtieġa biex jassiguraw l-aħjar relazzjonijiet mal-eletturi kollha fil-lokal billi jaraw li membri tal-kumitat, kandidati, kunsilliera lokali u membri parlamentari jkunu f'kuntatt regolari man-nies u jiddiskutu l-bżonnijiet li jista' jkollhom;

f) iżommu ruħhom infurmati dwar il-ħidma tal-Kunsill Lokali u l-ħtiġiet tal-lokal u, mingħajr ma jindaħlu fil-funzjonament tagħhom, jagħmlu talbiet u suġġerimenti li jidhrilhom xierqa lill-Kunsilliera Lokali jew Membri Parlamentari eletti f'isem il-partit;

g) iwaqqfu netwerks ta' żgħażagħ, nisa, anzjani u ta' gruppi oħra skont l-ambjent soċjo-kulturali tal-lokal;

h) jgħinu mingħajr distinzjoni lill-kandidati kollha approvati mill-partit għal kull elezzjoni msejħa u jaraw li l-każin/uffiċċju tal-partit ikun ċentru ta' servizzi, tagħrif u attività politika għall-eletturi tal-lokal;

i) jassiguraw preżenza għaqlija u effettiva fil-komunità u fl-attivitajiet, festi u ġrajjiet tal-lokal, inkluż preżenza fuq il-mezzi soċjali; u

j) iżommu regolarment infurmati lill-Kumitat Reġjonali u lill-partit bil-pjani u l-ħidma tal-kumitat.

**14.** (1) Il-kumitati għandhom, bejn Jannar u Frar ta' kull sena, isejħu laqgħa ġenerali tal-membri fil-lokal u jagħtu rendikont tal-ħidma tagħhom.

(2) Il-kumitati għandhom jiġu eletti kull sentejn minn fost it-tesserati tal-lokal fil-laqgħa ġenerali annwali tas-sezzjoni.

B'dana illi, f'każ li xi votazzjoni nazzjonali taħbat qrib ix-xhur imsemmija fil-paragrafu preċedenti, il-Kumitat Eżekuttiv jista' jiddeċiedi li t-tiġdid tal-kumitati jsir f'xi żmien ieħor politikament aktar adatt, u għal dan l-iskop jista' jestendi l-mandat tal-kumitati eżistenti sa data minnu deċiża li fiha tkun tista' ssir l-elezzjoni tal-kumitati.

(3) Il-Kunsill Amministrattiv jista' jsejjaħ laqgħa ġenerali tal-membri fil-lokal kull meta jħoss il-ħtieġa.

**15.** (1) L-elezzjoni tal-kumitati għandha tkun organizzata taħt l-awspiċji u skont regolamenti tal-kummissjoni elettorali bl-għajnuna ta' assistenti kummissjonarji elettorali maħtura minnha għal dan l-iskop.

(2) L-assistenti kummissjonarji elettorali għandhom jissorveljaw il-proċess tal-elezzjoni u jżommu lista tal-ismijiet u jivverifikaw l-identità tal-membri li jieħdu sehem fil-laqgħa ġenerali tal-kumitat.

**16.** Fil-laqgħa ġenerali jistgħu jieħdu sehem bil-vot il-membri li s-sħubija tagħhom tkun imġedda għal dik is-sena u dawk li jkunu ssieħbu fil-partit għall-ewwel darba sa tliet xhur qabel dik id-data.

**17.** (1) Kull persuna msieħba tista' tikkontesta l-elezzjoni tal-kumitat basta tkun ilha sena msieħba fil-partit.

(2) Kull diffikultà dwar ir-residenza ta' xi membru għandha tkun deċiża mill-Kummissjoni Elettorali Permanenti mwaqqfa bl-artiklu 148 ta' dan l-Istatut skont ma jirriżulta mir-rekords miżmuma minnha.

(3) Kumitati jista' jkollhom membri fi ħdanhom li ma jgħixux fil-lokal basta javżaw b'dan lill-Kunsill Amministrattiv; b'dana illi għandha tingħata preċedenza lil membri li effettivament joqogħdu fil-lokal u li joffru li jservu fil-kumitat.

(4) Membri Parlamentari, inkluż tal-Parlament Ewropew, u kandidati approvati mill-Kumitat Eżekuttiv għal xi elezzjoni fuq livell nazzjonali ma jistgħux ikunu membri ta' kumitat.

**18.** (1) In-numru ta' membri li jiffurmaw il-kumitat għandu jkun mhux anqas minn tlieta (3) u mhux aktar minn tmintax (18) li jiġu eletti mil-laqgħa ġenerali annwali kull sentejn;

B'dana illi, sa fejn hu possibbli, jiġu dikjarati eletti l-ewwel erbgħin fil-mija (40%) li jkunu kisbu l-iktar voti minn kull waħda minn żewġ listi separati, waħda ta' rġiel u oħra ta' nisa, bil-bqija jkunu żgħażagħ.

(2) Fil-każ li n-numru ta' kandidati f'xi waħda mil-listi separati jkun ta' inqas minn erbgħin fil-mija (40%) tal-membri tal-kumitat, allura numru ta' membri tas-sess l-inqas rappreżentat għandhom jiġu kooptjati sakemm in-numru tagħhom, meta miżjud mal-membri tas-sess l-inqas rappreżentat eletti bis-saħħa ta' dan l-artikolu, ma jaqbiżx l-erbgħin fil-mija (40%) tan-numru totali ta' membri eletti tal-kumitat. Jekk jibqa' ma jinstabux membri tas-sess l-inqas rappreżentat biex jilħqu l-40% tan-numru totali ta' membri tal-kumitat, allura jiġu eletti kandidati mil-lista l-oħra.

(3) Il-Kunsilliera Lokali eletti f'isem il-partit li ma jkunux diġà membri tal-kumitat għandhom ikunu mistiedna għal-laqgħat tal-kumitat u jirċievu l-aġenda mhux aktar tard minn tlett ijiem qabel il-laqgħa.

(4) Il-Membri Parlamentari, il-Membri Parlamentari Ewropej eletti f'isem il-partit kif ukoll il-kandidati tad-distrett għandhom jiġu mistiedna u infurmati bl-aġenda għal kull laqgħa tal-kumitat, u min-naħa tagħhom għandhom jieħdu interess, ikunu preżenti fis-sezzjoni, u jappoġġjaw il-kumitat fil-ħidma tiegħu filwaqt li jassiguraw li kull membru fil-kumitat qed ipoġġi l-interessi tal-partit qabel kull interess ieħor.

(5) Il-kumitati jistgħu jistiednu membri jieħdu sehem fil-ħidma tal-kumitat u jattendu l-laqgħat bħala osservaturi fil-kumitat skont il-ħtieġa iżda mingħajr id-dritt għall-vot.

**19.** Il-kumitati għandhom jagħżlu minn ħdanhom President, Segretarju, Teżorier u uffiċjali oħra skont kif jidhrilhom meħtieġ. Iżda membri li jkunu jokkupaw il-kariga ta' Sindki ma jkunux jistgħu jokkupaw kariga uffiċjali fil-kumitat ħlief bil-permess tal-Kunsill Amministrattiv.

**20.** Il-Kummissjoni Elettorali Permanenti għandha formalment tikkonvalida permezz tal-assistenti tagħha l-lista tal-uffiċjali, tal-membri li jiffurmaw il-kumitat u tal-kunsilliera fil-Kunsill Ġenerali u tibgħat kopja tagħha lis-Segretarju Ġenerali mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata mid-data tal-elezzjoni tal-kumitat u tal-għażla tal-kunsilliera rispettivament.

**21.** Il-kumitati għandhom jiltaqgħu għall-anqas darba fix-xahar. Ix-xogħol, id-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet fil-kumitati għandhom jitqiesu kunfidenzjali u kull ksur ta' dan jaqa' taħt id-dixxiplina tal-partit.

**22.** Il-kworum għal-laqgħat tal-kumitati huwa terz tal-membri basta dan ma jkunx inqas minn tlieta; iżda fin-nuqqas ta' kworum il-laqgħa ssir bil-membri preżenti, basta dawn ma jkunux inqas minn tlieta, nofs siegħa wara l-ħin miftiehem.

**23.** Membri li jfallu tliet laqgħat konsekuttivi tal-kumitat mingħajr raġuni ġusta jiddekadu mill-kumitat awtomatikament u ma jkunux jistgħu jikkontestaw l-elezzjoni tal-kumitat li jkun imiss.

**24.** Kull deċiżjoni tal-kumitati għandha tittieħed b'maġġoranza sempliċi.

**25.** F'każ li għal xi raġuni l-elezzjoni tal-kumitati ma ssirx meta suppost, il-Kunsill Amministrattiv għandu jassigura l-elezzjoni ta' kumitati ġodda kemm jista' jkun malajr u sadanittant il-kumitati uxxenti jibqgħu fil-kariga. F'każ li jibqgħu ma jiġux eletti kumitati ġodda fi żmien sentejn il-mandat tal-membri ta' dawk il-kumitati jiskadi definittivament u l-membri jiddekadu minn kull rappreżentanza li jista' jkollhom f'xi organu tal-partit.

**26.** It-tmexxija ta' kuljum tal-każin/uffiċċju tal-partit fil-lokal hi fdata f'idejn il-kumitati, b'dana illi każin/uffiċċju u kull proprjetà oħra li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-kumitati tkun taħt id-direzzjoni u d-dixxiplina tal-partit.

**27.** F'każ li għal xi raġuni l-kumitati jiġu sospiżi jew xolti, il-fondi, il-propjetà u d-dokumenti kollha tagħhom jaqgħu f'idejn il-Kunsill Amministrattiv li jieħu ħsiebhom sakemm isiru kumitati oħra f'dak il-lokal.

## Kumitati Reġjonali

**28.** Għandu jkun hemm ħames kumitati reġjonali, bl-erba' reġjuni f'Malta jiġbru f'kull wieħed minnhom il-kumitati tal-lokalitajiet ta' tliet distretti fir-reġjun rispettiv, u l-kumitat reġjonali għal Għawdex jiġbor fih il-kumitati ta' dan id-distrett;

B'dana iżda illi l-Kunsill Amministrattiv, filwaqt li għandu jagħti kas il-formazzjoni ta' kull Distrett Elettorali, aspetti ġeografiċi, soċjo-ekonomiċi u kulturali li jakkumunaw il-lokalitajiet, jista' jalloka kull lokalità jew parti minnha f'liema reġjun jidhirlu li jkun l-aktar espedjenti għall-finijiet ta' organizzazzjoni u loġistika tal-partit.

**29.** (1) Il-kumitati reġjonali għandhom:

a) jikkoordinaw il-ħidma politika u organizzattiva tal-partit fid-distretti fir-reġjun, u flimkien mal-kumitati jfasslu u jwettqu inizjattivi fuq livell

distrettwali u reġjonali skont il-politika, il-pjan nazzjonali ta' ħidma, u d-direttivi tal-amministrazzjoni ċentrali tal-partit;

b) jaħdmu mal-kumitati fir-reġjun biex jiżguraw li jilħqu l-miri stabbiliti fid-distretti u lokalitajiet u jgħinuhom fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet lokali u distrettwali;

c) f'kull inizjattiva jagħtu kas tal-kuntest lokali u distrettwali u jippromwovu koperazzjoni bejn membri u kumitati fuq il-livelli lokali, distrettwali u reġjonali;

d) jippjanaw u jmexxu, fuq il-linji indikati mill-organizzazzjoni ċentrali tal-partit, il-kampanji elettorali u l-ħidma fir-reġjuni konnessa mal-elezzjonijiet;

e) iżommu kuntatt u djalogu mal-elettorat, mal-imsieħba soċjali, mas-soċjetà ċivili u għaqdiet fid-distretti tar-reġjun;

f) jinkoraġġixxu u jissorveljaw l-aħjar użu possibbli tal-każini/uffiċċji tal-partit fir-reġjuni;

g) bl-awtorizzazzjoni tat-Teżorier/a tal-partit jiġbru fondi mir-reġjuni stess biex jiffinanzjaw il-ħidma tal-partit fir-reġjuni u jissottomettu baġits u kontijiet b'mod regolari kif stabbilit fir-regolamenti;

h) jaħdmu mal-Membri Parlamentari, il-kandidati, mas-Sindki u mal-Kunsilliera lokali eletti f'isem il-partit mil-lokalitajiet fir-reġjuni, u jittrattaw magħhom b'mod ugwali u korrett; u

i) jadottaw, fuq bażi annwali, pjani ta' ħidma li jinkludu l-ħtiġiet finanzjarji u ta' riżorsi umani tar-reġjuni.

(2) Il-kumitati reġjonali għandhom jaħdmu fil-qrib mal-Ewro Parlamentari eletti f'isem il-partit biex flimkien jesploraw inizjattivi li jistgħu jittieħdu fuq livell reġjonali fi ħdan programmi edukattivi, ta' taħriġ, kulturali u soċjali maħsuba li jġibu 'l quddiem għarfien u żvilupp tal-politika tal-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha.

**30.** **Il-**kumitati reġjonali jiġu ffurmati kull sentejn mill-presidenti u s-segretarji tal-kumitati sezzjonali fir-reġjuni hekk kif dawn ikunu ġew eletti mill-kumitati wara l-laqgħa ġenerali preċedenti.

B'dan iżda illi fil-każ ta' Għawdex il-kumitat reġjonali jkun kompost minn chairperson u sitt membri eletti mit-tesserati tal-partit residenti f'Għawdex f'laqgħa msejħa apposta. Il-Kumitat jiġi elett għal perjodu ta' sentejn.

**31.** Ir-rappreżentanti tad-distretti fuq il-Kumitat Eżekuttiv eletti skont artikolu 46 (1) (f) ta' dan l-Istatut ikunu *ex officio* membri tal-kumitat reġjonali u jservu ta' mezz ieħor ta' komunikazzjoni bejn id-distrett, ir-reġjun u l-Kumitat Eżekuttiv.

**32.** (1) Ħlief fil-każ tal-kumitat reġjonali għal Għawdex, il-kumitati reġjonali l-oħra għandhom jiġu mmexxija minn chairpersons, residenti f'xi lokalità li tinsab fl-istess reġjuni. Dawn jiġu eletti mill-membri bil-vot tal-kumitati fir-reġjuni f'laqgħa msejħa apposta kull sentejn wara li jkunu ġew eletti l-kumitati l-ġodda fil-laqgħa ġenerali preċedenti.

(2) Kandidati għall-elezzjoni ta' chairperson tal-kumitati reġjonali jridu jkunu servew f'kariga uffiċjali fil-kumitati fir-reġjuni għal mhux anqas minn sentejn. Il-kumitati reġjonali jaħtru minn fost il-membri tagħhom viċi-chairperson.

**33.** Il-Membri Parlamentari, il-Membri Parlamentari Ewropej eletti f'isem il-partit kif ukoll il-kandidati tad-distrett għandhom jiġu mistiedna u infurmati bl-aġenda għal kull laqgħa tal-kumitat, u min-naħa tagħhom għandhom jieħdu interess, ikunu preżenti fis-sezzjoni u jappoġġjaw il-kumitat fil-ħidma tiegħu filwaqt li jassiguraw li kull membru fil-kumitat ikun qed ipoġġi l-interess tal-partit qabel kull interess ieħor.

**34.** Il-kumitati reġjonali għandhom jaħtru dawk l-uffiċjali li jidhrilhom meħtieġa skont kif jistabbilixxu r-regolamenti, inkluż is-segretarji li jkunu responsabbli mill-minuti u l-korrispondenza kollha tal-istess kumitati reġjonali.

**35.** Il-Kumitat Eżekuttiv għandu, fuq nomina mill-Kunsill Amministrattiv u f'konsultazzjoni mal-Kumitat Reġjonali, jaħtar membri tal-partit bħala managers reġjonali li jirrispondu lill-kumitati reġjonali u lis-Segretarju Eżekuttiv Organizzattiv tal-partit. Membri li jiġi maħtura Managers Reġjonali ma jistgħux, meta l-partit ikun fil-gvern, ikunu membri f'segretarjati privati ta' Ministri jew Segretarji Parlamentari.

**36.** Il-funzjoni tal-managers reġjonali hi li:

a) isegwu sat-twettiq il-funzjonijiet kollha tal-kumitat reġjonali;

b) jaħdmu id f'id mas-Segretarju Eżekuttiv Organizzattiv u l-uffiċjali l-oħra tal-partit kif ukoll mal-uffiċjali u l-membri tal-kumitat reġjonali u l-kumitati fir-reġjuni;

c) f'kull ħin u okkażjoni jaħdmu b'imparzjalità fil-konfront tal-kumitati, l-uffiċjali tagħhom, il-kandidati, il-Kunsilliera Lokali, il-Membri Parlamentari u l-Membri Parlamentari Ewropej;

d) ikunu responsabbli għall-koordinament tal-ħidma kollha strateġika b'rabta mad-diversi elezzjonijiet li jkun hemm minn żmien għal żmien fuq il-livelli lokali, nazzjonali u Ewropew;

e) jattendu u jieħdu sehem, mingħajr dritt tal-vot, fil-laqgħat tal-kumitat reġjonali, tal-kumitati u f'kull laqgħa oħra tal-partit li għaliha jkunu msejħa; u

f) jirrapportaw kull tliet xhur dwar il-ħidma tal-kumitati sezzjonali u tal-kumitat reġjonali lill-Kunsill Amministrattiv.

**37.** Il-managers reġjonali għandhom joperaw minn uffiċċju kif deċiż mis-Segretarju Eżekuttiv Organizzattiv, idealment f'wieħed mill-każini/uffiċċji tal-partit fir-reġjun, wara konsultazzjoni mal-kumitati reġjonali u l-kumitati sezzjonali konċernati.

**38.** Il-managers reġjonali ma jistgħux jiġu approvati kandidati f'isem il-partit f'xi elezzjoni nazzjonali; b'dana iżda illi huma jkunu jistgħu jiġu konsidrati għal nomina bħala kandidati f'isem il-partit wara li tkun għaddiet elezzjoni bħal dik u wara li jkunu waqfu joperaw fil-kariga ta' managers.

**39.** (1) Il-kumitati reġjonali għandhom jiltaqgħu mill-anqas darba kull xahar. Il-laqgħa għandha tkun imsejħa u mmexxija miċ-chairperson reġjonali u jkollha aġenda li tintbagħat lill-membri, ħlief f'każi ta' laqgħat urġenti, mhux aktar tard minn tlett ijiem qabel il-laqgħa.

(2) Id-deċiżjonijiet tal-kumitati reġjonali għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi.

**40.** Il-kworum tal-laqgħat tal-kumitati reġjonali huwa terz tal-membri li jikkomponu l-kumitati; iżda fin-nuqqas ta' kworum il-laqgħa ssir bin-numru ta' membri preżenti nofs siegħa wara l-ħin miftiehem.

**41.** Għandu jkun hemm assemblea reġjonali li tkun magħmula mill-membri kollha tal-kumitati, tal-Kunsill Ġenerali, mill-kandidati, mill-Kunsilliera Lokali, mill-Membri Parlamentari tar-reġjun, u l-Membri Parlamentari Ewropej.

**42.** Il-kumitati reġjonali għandhom isejħu l-assemblea tar-reġjuni:

a) qabel kull Kunsill Ġenerali, ħlief meta dan jissejjaħ b'urġenza, biex tiddiskuti d-dokumenti preparati u tista' tagħmel rapport li jkun preżentat lill-President tal-Kunsill Ġenerali;

b) darba fis-sena biex tiddiskuti rapport dwar l-organizzazzjoni tal-partit, il-qagħda politika u s-sitwazzjoni tal-elettorat fir-reġjun u tagħmel rakkomandazzjonijiet għat-titjib meħtieġ; u

c) b'mod straordinarju, meta hekk jiddeċiedu l-kumitati reġjonali jew il-Kunsill Amministrattiv.

**43.** Is-Segretarju Ġenerali, is-Segretarju Eżekuttiv Organizzattiv, il-Membri Parlamentari u l-kandidati tar-reġjuni għandhom jirċievu l-aġenda tal-laqgħat tal-kumitat mhux aktar tard minn tlett ijiem qabel il-laqgħa biex huma jkunu jistgħu jattendu bħala osservaturi.

## Il-Kumitat Eżekuttiv

**44.** Il-Kumitat Eżekuttiv ifassal u jiddeċiedi l-politika tal-partit u jagħti d-direttivi meħtieġa għat-tmexxija tiegħu.

**45.** Il-Kumitat Eżekuttiv għandu:

a) jiddeċiedi l-politika u l-programm elettorali tal-Partit soġġett għad-direzzjoni tal-Kunsill Ġenerali;

b) jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa għat-tmexxija u d-direzzjoni koordinata tal-partit;

c) flimkien mal-Membri Parlamentari Maltin u Ewropej u mal-Kunsilliera Lokali jaħdem għat-twettiq tal-prinċipji u l-politika tal-partit;

d) japprova l-kandidati għall-elezzjonijiet lokali, ġenerali u Ewropej;

e) jiddiskuti dawk ir-rapporti jew proposti li jaslu quddiemu minn uffiċjali jew xi organizzazzjoni oħra tal-partit dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż u dwar il-politika, il-ħidma u l-organizzazzjoni tal-partit fuq il-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali jew lokali;

f) iwettaq l-inizjattivi meħtieġa biex isostni u jkabbar l-appoġġ popolari tal-partit;

g) jiddetermina każijiet ta' ksur tal-Kodiċi ta' Etika u każijiet ta' dixxiplina jew każijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tkeċċija ta' xi membru li jiġu mressqa quddiemu mill-Kunsill Amministrattiv skont il-proċedura u r-regolamenti stabbiliti b'dan l-Istatut; u

h) jiddeċiedi fuq kull materja oħra li mhix riservata minn dan l-Istatut għal xi organu jew organizzazzjoni oħra tal-partit.

**46.** (1) Il-Kumitat Eżekuttiv ikun kompost:

a) mill-Kap u l-uffiċjali tal-partit imsemmija fl-artikolu 11 ta' dan l-Istatut;

b) mill-Membri Parlamentari kollha eletti f'isem il-partit; b'dana iżda li tlettax-il membru biss eletti minn fosthom ikollhom id-dritt għall-vot;

c) mill-Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'isem il-Partit;

d) minn dawk il-persuni li f'xi żmien kienu jokkupaw il-kariga ta' Kap jew Viċi Kap tal-Partit u li ma jkollhom l-ebda kariga f'xi organu jew organizzazzjoni oħra tal-partit;

e) minn tmintax-il membru tal-Kunsill Ġenerali, li ma jkunux membri tal-Grupp Parlamentari jew Kunsilliera Lokali, eletti minn u minn fost l-istess membri tal-Kunsill Ġenerali, b'dana illi jiġu dikjarati eletti l-ewwel sitt irġiel, l-ewwel sitt nisa, l-ewwel erba' żgħażagħ, u l-ewwel żewġ kunsilliera Għawdxin residenti f'Għawdex li jkunu kisbu l-iktar voti f'listi separati;

f) minn rappreżentant minn kull distrett elettorali li jiġi elett minn u minn fost il-membri bil-vot tal-kumitati sezzjonali ta' dak id-distrett f'laqgħa li ssir apposta kull sentejn wara li jkunu ġew eletti l-kumitati l-ġodda fil-laqgħa ġenerali preċedenti;

g) minn tlettax-il Kunsillier Lokali eletti f'isem il-partit, b'dana illi jiġi elett minn u minn fost il-Kunsilliera Lokali wieħed għal kull distrett elettorali f'laqgħa li ssir apposta għall-Kunsilliera Lokali ta' kull distrett;

h) miċ-chairpersons tal-ħames kumitati reġjonali; u

i) miċ-chairperson u rappreżentant ieħor ta' kull waħda mill-fergħat imsemmija fl-artikolu 62 (2), b'dana illi għall-anqas persuna minn

dawn it-tnejn trid tkun mara, ħlief fil-każ tal-fergħa msemmija fl-artikolu 62 (2) (c).

(2) Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv imsemmija fis-subparagrafi (b), (e), (f), (g), (h), u (i) tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jżommu din il-kariga għal sentejn sakemm fl-istess perjodu jibqgħu membri tal-organizzazzjoni li tkun eleġġiethom.

(3) Membri tal-Kumitat Eżekuttiv minn fost dawk imsemmija fis-subartikolu (1) (i) ta' dan l-artikolu li jiġu eletti uffiċjali tal-partit ma jitilfux posthom fil-Kumitat Eżekuttiv għas-sempliċi raġuni li ma jibqgħux membri tal-fergħa li minnha jkunu telgħu fil-Kumitat Eżekuttiv.

**47.** Membri tal-partit li huma impjegati full-time jew part-time mal-partit jew ma' xi organizzazzjoni jew entità kummerċjali tiegħu ma jistgħux ikunu membri tal-Kumitat Eżekuttiv u/jew tal-Kunsill Amministrattiv. B'dana iżda illi membri tal-partit li jiġu eletti uffiċjali tal-partit jistgħu jirċievu remunerazzjoni u jibqgħu membri tal-Kumitat Eżekuttiv.

**48.** (1) Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jeleġġi minn ħdanu Segretarju Ġenerali, President Riċerka Politika, President Djalogu Soċjali, Chairperson tal-istess Kumitat Eżekuttiv, Chairperson tal-Kunsill Amministrattiv, Segretarju Internazzjonali u Teżorier.

(2) Persuna li timla l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv Organizzattiv imsemmija f'artikolu 11 (i) għandha tkun magħżula mis-Segretarju Ġenerali u konfermata mill-Kumitat Eżekuttiv; b'dana illi din il-persuna ma tistax tkun magħżula minn fost il-Membri Parlamentari, Kunsillieri Lokali jew kandidati għal xi elezzjoni.

(3) Fir-rigward ta' Teżorier tal-Partit, il-Kumitat Eżekuttiv jista' jaħtar persuna li mhix membru tal-Kumitat Eżekuttiv, f'liema każ mal-ħatra tagħha ssir membru bla vot tal-istess Kumitat Eżekuttiv.

(4) Is-Segretarju tal-Grupp Parlamentari u l-President tal-Kulleġġ tal-Kunsilliera Lokali msemmija fl-artikoli 107 u 124 (2) rispettivament ta' dan l-Istatut huma *ex officio* uffiċjali tal-partit.

(5) L-elezzjoni tal-uffiċjali msemmija f'dan l-artikolu għandha tiġi organizzata mill-kummissjoni elettorali skont kif jipprovdi dan l-Istatut.

(6) L-uffiċjali eletti skont il-provvediment preċedenti jibqgħu fil-kariga għal sentejn; b'dan iżda li huma jistgħu jerġgħu jiġu eletti fl-istess kariga.

(7) Ministri u Segretarji Parlamentari ma jistgħu jokkupaw l-ebda kariga uffiċjali fil-partit, ħlief dik ta' Kap u Viċi Kap, u jiddekadu mill-kariga tal-partit hekk kif jiġu appuntati fil-gvern; b'dana, iżda, li jibqgħu jiffunzjonaw fil-kariga sakemm jiġu eletti s-sostituti tagħhom.

(8) Membri Parlamentari u kandidati għal xi elezzjoni ma jkunux eliġibbli jokkupaw il-karigi ta' Segretarju Ġenerali u kwalunkwe pożizzjoni ta' Direttur.

(9) Ebda persuna ma tista' tokkupa aktar minn kariga waħda filwaqt li chairpersons ta' xi fergħa ma jistgħux jokkupaw kariga oħra fil-partit.

**49.** (1) Il-kworum għal-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv hu terz tal-membri tal-kumitat; iżda fin-nuqqas ta' kworum il-laqgħa ssir bin-numru ta' membri preżenti nofs siegħa wara l-ħin miftiehem. Kull deċiżjoni tittieħed b'maġġoranza sempliċi.

(2) Fil-każ eċċezzjonali li jibqa' ma jkunx hemm kworum meta l-Kumitat Eżekuttiv jista' jinħtieġ jiddeċiedi xi materja politika jew ta' tmexxija ta' importanza sostanzjali, iċ-Chairperson tal-Kumitat Eżekuttiv għandu/għandha jirreferi/tirreferi l-każ lill-Kunsill Amministrattiv.

**50.** Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa' tal-anqas darba fix-xahar. Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jiltaqa' wkoll fuq talba tal-Kap jew tal-President tal-Kunsill Ġenerali, jew fuq talba bil-miktub ta' terz tal-membri tal-Eżekuttiv liċ-Chairperson tal-Kumitat Eżekuttiv li fiha jiddikjaraw ir-raġuni li għaliha jkunu qed jitolbu l-laqgħa. F'każ ta' talba bħal din il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa' fi żmien mhux aktar tard minn tmint ijiem.

**51.** Membri li bla ġustifikazzjoni ma jattendux għal tliet laqgħat konsekuttivi jiddekadu mill-Kumitat Eżekuttiv. F'dan il-każ iċ-Chairperson tal-Kumitat Eżekuttiv għandu/għandha jinforma/tinforma lill-membri konċernati, u mill-ewwel jgħaddi biex jieħu l-passi meħtieġa biex timtela l-vakanza skont il-provvedimenti li jirregolaw l-elezzjoni ta' membri fil-Kumitat Eżekuttiv.

### Segretarju Ġenerali

**52.** (1) Il-persuna li tkun is-Segretarju Ġenerali għandha:

a) tippromwovi spirtu attiv ta' ingaġġ ċiviku fil-membri tal-partit u fiċ-ċittadini inġenerali bl-iskop li dawn jagħtu sehem pubbliku favur politika li ġġib il-bidliet meħtieġa għat-twettiq tal-ġid komuni;

b) torganizza l-attivisti u l-voluntiera tal-partit fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali biex jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-partit u jġibu 'l quddiem il-politika tal-partit billi joħolqu kuxjenza attiva dwar problemi u kwistjonijiet li s-soċjetà taffaċċja minn żmien għal żmien;

c) tagħmel użu minn forom differenti ta' attivitajiet demokratiċi u paċifiċi bl-użu ta' mezzi tal-media, social networking, arti, kultura, sport, attivitajiet ta' massa u manifestazzjonijiet skont iċ-ċirkostanzi bl-iskop li twassal il-messaġġ ta' politika favur il-ġid soċjali, ekonomiku, ambjentali, politiku u kulturali fil-pajjiż;

d) tassigura l-mobilizzazzjoni meħtieġa tal-eletturi għall-aħjar parteċipazzjoni possibbli fl-attivitajiet ta' massa tal-partit u biex joħorġu jivvutaw bi ħġarhom f'kull votazzjoni lokali, nazzjonali u Ewropea;

e) tassigura l-ippjanar u t-twettiq ta' kampanji elettorali f'kull livell u għal dan l-iskop tassigura ħidma effettiva mill-ELCOM; u

f) tkun responsabbli għat-twettiq ta' programm ta' attività politika tal-partit bl-involviment sħiħ tal-organizzazzjonijiet tal-partit fil-livelli kollha tiegħu.

(2) Il-persuna li tkun is-Segretarju Ġenerali għandha tkun responsabbli għad-direzzjoni tal-ħidma tal-partit fil-qasam tal-komunikazzjoni u għal dan l-iskop għandha tassigura li d-Direttorat Komunikazzjoni mwaqqaf b'artiklu 129 ta' dan l-Istatut isegwi l-linja politika tal-partit. Is-Segretarju għandu jagħti d-direttivi meħtieġa lill-media tal-partit, u jassigura l-aħjar koordinament tal-impjegati tal-partit fil-qasam tal-komunikazzjoni u ta' kull min fil-partit għandu sehem fil-formulazzjoni tal-messaġġ politiku bi kwalsijasi mezz ta' komunikazzjoni u jiżgura li l-kontenut huwa ta' kwalità u mwassal b'mod professjonali skont l-aħjar teknoloġija disponibbli għall-partit.

(3) Il-persuna li tkun is-Segretarju Ġenerali għandha tkun il-kanal uffiċjali tal-partit mal-mezzi l-oħra ta' komunikazzjoni Maltin u barranin u tkun il-kelliem tal-partit fejn meħtieġ biex tagħti tagħrif rilevanti dwar il-ħidma tal-partit.

(4) Il-ħidma msemmija fil-paragrafi preċedenti ta' dan l-artikolu għandha tassigura minn kulħadd ħidma fil-qrib, bi spirtu korrett u ġust, mal-Grupp Parlamentari, mal-membri Parlamentari Ewropej, il-Kunsilliera Lokali u l-kandidati tal-partit, u mal-organizzazzjonijiet diversi tal-partit.

**President Riċerka Politika**

**53.** (1) Il-persuna li tkun il-President Riċerka Politika għandha:

a) issegwi dawk l-inizjattivi neċessarji biex il-partit ikollu strateġija politika aġġornata, rilevanti u effettiva li taħseb għal qafas tas-sustanza politika li tkompli ssaħħaħ il-ġid komuni f'pajjiżna;

b) taħdem biex il-partit isaħħaħ l-għodda tar-riċerka, tal-analiżi, tat-taħriġ u tal-formazzjoni politika biex l-organizzazzjoni tal-partit fil-livelli kollha tagħha, inkluż kull min ikun involut fil-komunikazzjoni, tkun imħarrġa tirrifletti b'mod kritiku fuq ir-realtajiet u l-bżonnijiet tas-soċjetà, b'dan illi l-politika tal-partit tkun mibnija fuq bażi fattwali u rilevanti għas-soċjetà Maltija;

c) tieħu l-miżuri meħtieġa biex il-partit f'kull ħin isegwi l-implimentazzjoni tal-programm elettorali meta l-partit ikun fil-gvern, u biex jassigura l-aġġornament ta' dan il-programm meta l-partit ikun fl-oppożizzjoni, u dana billi jinvolvi sew l-organizzazzjoni tal-partit kif ukoll dawk kollha fis-soċjetà li jkollhom interess jagħtu kontribut biex il-politika tal-partit tindirizza l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tas-soċjetà; u

d) tassigura taħriġ politiku kontinwu tal-membri tal-kumitati, kandidati, Kunsilliera Lokali u Membri Parlamentari bl-iskop li dawn, imħarrġa, janalizzaw il-problemi tan-nies, jagħtu kontribut għas-soluzzjoni tagħhom, u jwasslu u jħaddmu l-messaġġ politiku tal-partit.

(2) Il-persuna li tkun il-President Riċerka Politika għandha tkun Membru Parlamentari u għandha wkoll ir-rwol li tappoġġja l-Grupp Parlamentari u l-Kelliema tiegħu fil-ħidma tagħhom parlamentari u f'dak li għandu x'jaqsam ma' tfassil ta' strateġija u politika. Għall-aħjar twettiq tal-funzjoni tagħha, il-persuna fil-kariga ta' President tista' tagħmel użu mill-għarfien ta' esperti f'oqsma differenti, tikkonsulta ma' kemm tista' membri tal-partit li jkollhom interess, expertise u esperjenza partikolari, tmexxi gruppi ta' fokus, u tieħu dawk l-inizjattivi li l-Kap, il-Grupp Parlamentari, it-tmexxija tal-partit u l-Kumitat Eżekuttiv, jidhrilhom meħtieġa.

**President Djalogu Soċjali**

**54.** Il-persuna li tkun il-President Djalogu Soċjali għandha:

a) tippromwovi kultura politika li tħaddan u tħaddem l-għodda tad-djalogu fir-rispett tad-diversità bħala approċċ għas-soluzzjoni tal-problemi fis-soċjetà;

b) twettaq ħidma, fuq livell nazzjonali u lokali, ta' kuntatt u kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra politiċi, kulturali, soċjali, unions, korpi kostitwiti, mal-għaqdiet volontarji u mas-soċjetà ċivili, bl-iskop li l-partit jissieħeb fi djalogu regolari fl-aqwa interess nazzjonali u tal-ġid komuni;

c) tippresjedi l-Forum tal-Fergħat, li jirrappreżentaw oqsma differenti tas-soċjetà, u filwaqt li tippromwovi l-koordinazzjoni fil-ħidma tagħhom, tinvolvihom fl-inizjattivi li l-partit jieħu fil-qasam li kull fergħa hi responsabbli għalih;

d) tara li l-partit, fil-livelli kollha tiegħu, qed jieħu l-miżuri kollha possibbli biex ikun qrib in-nies u jifhem il-bżonnijiet tagħhom;

e) tfisser il-politika, l-ideat u l-pożizzjoni tal-partit fuq id-diversi kwistjonijiet lil organizzazzjonijiet oħra fis-soċjetà, u tiddjaloga dwar dawn ma' dawk li jkollhom interess fis-suġġett konċernat;

f) torganizza netwerk ta' voluntiera li jkunu f'kuntatt effettiv ma' kull min ikollu xi lment ta' natura personali jew dwar il-partit;

g) tara li l-partit qed jisma' u jixtarr l-opinjoni pubblika dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż u l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tal-poplu; u

h) tibni u tħaddem Outreach/Customer Care Unit għall-membri, attivisti u sostenituri tal-partit, għal kull min jixtieq iressaq xi lment lill-partit, u għal min irid isir jaf il-partit aħjar u lest li jaħdem fih.

**Chairperson Kumitat Eżekuttiv**

**55.** Il-persuna li tkun iċ-Chairperson tal-Kumitat Eżekuttiv għandha:

a) issejjaħ u tippresjedi l-laqgħat tal-kumitat u tassigura li dan il-kumitat iwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont l-Istatut;

b) tassigura li l-kumitat jiltaqa' regolarment kif jitlob dan l-Istatut;

c) tassigura li kull laqgħa tiġi avżata kmieni kemm jista' jkun b'aġenda li tasal għand il-membri tal-kumitat mhux aktar tard minn tlett ijiem qabel

il-laqgħa; b'dana, iżda, li l-kumitat jista' jissejjaħ b'urġenza mill-Kap jew mill-President tal-Kunsill Ġenerali, f'liema każ it-terminu ta' tlett ijiem ma japplikax u l-aġenda għandha tasal għand il-membri fl-aktar żmien raġonevoli possibbli fiċ-ċirkostanzi;

d) tassigura l-attendenza tal-membri u taġixxi dwar kull assenza mhux ġustifikata; u

e) taqdi dawk id-dmirijiet u funzjonijiet oħra li joħorġu minn dan l-Istatut jew li jistgħu jiġu delegati lilha mill-Kap tal-Partit, mill-istess Kumitat Eżekuttiv jew minn xi organu ieħor tal-partit.

**56.** Iċ-Chairperson tal-Kumitat Eżekuttiv għandu jkollu vot oriġinali u vot deċiżiv fil-każ ta' voti ndaqs fil-Kumitat Eżekuttiv fuq xi materja jew deċiżjoni.

**Chairperson Kunsill Amministrattiv**

**57.** Il-persuna li tkun iċ-Chairperson tal-Kunsill Amministrattiv għandha tassigura li l-Kunsill jiltaqa' regolarment kif jitlob dan l-Istatut b'aġenda li tiġi formulata skont proposti mill-uffiċjali tal-partit jew minn xi waħda mill-fergħat tiegħu. Iċ-Chairperson għandu jippresjedi l-laqgħa, ikollu vot oriġinali u vot deċiżiv f'każ ta' voti ndaqs fil-Kunsill Amministrattiv fuq xi deċiżjoni, u jissorvelja li l-Kunsill qed iwettaq il-funzjonijiet tiegħu.

**Segretarju Eżekuttiv Organizzattiv**

**58.** (1) Il-persuna li tkun is-Segretarju Eżekuttiv Organizzattiv għandha:

a) tkun responsabbli li tassigura li l-partit ikun organizzat b'mod effiċjenti u effettiv fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali;

b) tassigura li kull persuna li tiġi f'kuntatt mal-partit, sew b'mod fiżiku kif ukoll online, ikollha esperjenza pożittiva tal-partit u trattament ċivili u sodisfaċenti;

c) tkun responsabbli minn dak kollu li għandu x'jaqsam mal-loġistika meħtieġa biex il-Kap, l-uffiċjali, l-organi u l-organizzazzjonijiet tal-partit ikollhom l-appoġġ u l-għodda meħtieġa għat-twettiq tal-ħidma politika li tkun meħtieġa fuq bażi ta' kuljum;

d) tara li d-Dar Ċentrali tal-partit u l-assi immobbli u mobbli tal-partit huma fi stat tajjeb ta' manutenzjoni;

e) iżżomm kuntatt kontinwu mal-kumitati sezzjonali, kumitati reġjonali, il-fergħat u l-organizzazzjonijiet l-oħra tal-partit bl-iskop li, filwaqt li tgħinhom kemm tista' u tara li l-ilmenti tagħhom jiġu riżolti fi żmien qasir, tassigura li qed isegwu d-direzzjoni u d-dixxiplina tal-partit;

f) tassigura f'kull ħin l-organizzazzjoni ta' kull ħaġa li l-partit jista' jiġi bżonn f'xi votazzjoni fil-pajjiż u regolarment iżżomm il-Kap, l-uffiċjali, il-Kumitat Eżekuttiv u l-Kunsill Amministrattiv aġġornati fuq dan; u

g) tkun responsabbli biex tagħti l-appoġġ kollu meħtieġ fil-ħidma ta' kuljum lid-Direttur tal-ELCOM.

(2) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jaħdem id f'id mas-Segretarju Ġenerali.

**Segretarju Internazzjonali**

**59.** Il-persuna li tkun is-Segretarju Internazzjonali għandha:

a) tieħu ħsieb ir-relazzjonijiet tal-partit fuq il-livell Ewropew, internazzjonali u bilaterali kif ukoll fir-rigward ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li fihom ikun imsieħeb il-partit;

b) tikkordina r-riċerka u l-aġġornament meħtieġ dwar il-politika internazzjonali, Ewropea u Mediterranja;

c) tressaq kull sena rapport ta' ħidma mwettqa f'dan il-qasam lill-Kunsill Ġenerali; u

d) tara li jkun hemm l-aħjar kuntatt possibbli mal-komunitajiet tal-Maltin ta' barra.

**Teżorier**

**60.** (1) Il-persuna li tkun it-Teżorier tkun responsabbli tieħu dawk l-inizjattivi meħtieġa li jgħinu 'l-partit, inkluż il-fergħat tiegħu, ikollhom finanzjament adegwat għall-ħtiġiet tagħhom, u għal dan l-iskop għandha:

a) tippjana, tmexxi u tikkoordina u, fejn meħtieġ, tawtorizza ħidma diretta lejn il-ġbir ta' fondi għall-partit; u

b) taħdem flimkien mal-Kummissjoni Elettorali biex it-tesserament fil-partit dejjem jikber.

(2) It-Teżorier għandu jsegwi d-direttivi tal-Kunsill Amministrattiv biex ikun assigurat li l-partit ikun konformi mal-liġijiet li jirregolaw il-finanzjament tal-partiti politiċi.

**Diretturi**

**61.** (1) Għandu jkun hemm dawk id-Diretturi li l-Kunsill Amministrattiv jiddeċiedi li jkunu meħtieġa f'diversi oqsma għall-aħjar ħidma u organizzazzjoni tal-partit. Dawn id-diretturi jistgħu jintalbu li jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-Kunsill Amministrattiv b'dan illi ma jkollhomx vot. Diretturi maħtura skont dan l-artikolu ma jistgħux jikkontestaw elezzjoni ġenerali, elezzjoni tal-Parlament Ewropew, jew elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali sakemm ma jkunux irriżenjaw mill-kariga ta' Direttur għall-anqas sitt xhur qabel dik l-elezzjoni, u lanqas ma jistgħu jkunu membri bil-vot tal-Kumitat Eżekuttiv u/jew tal-Kunsill Amministrattiv u m'għandhomx jokkupaw kariga oħra fil-partit.

(2) Il-Kunsill Amministrattiv jista' jaħtar persuni li jgħinu l-uffiċjali fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom, fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet popolari, fl-amministrazzjoni inġenerali tal-partit, u fiż-żamma tal-minuti tal-laqgħat tal-organi prinċipali u xogħol ieħor skont kif ikun meħtieġ. Persuni hekk maħtura jistgħu jintalbu jipparteċipaw f'laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv, tal-Kunsill Amministrattiv u f'xi organizzazzjoni oħra, b'dan iżda illi ma jkollhomx vot.

**Fergħat**

**62.** (1) Il-Kumitat Eżekuttiv jista', minn żmien għal żmien, iwaqqaf fergħat, netwerks, uffiċċji, gruppi jew fora għal setturi differenti fis-soċjetà kif ukoll għal skop ta' riċerka u ħidma biex jieħdu sehem fil-ħsieb, ideat, diskussjonijiet u djalogu dwar it-tifsil u l-aġġornament tal-politika tal-partit f'oqsma differenti. Dawn il-gruppi għandhom iservu bħala mezz biex in-nies isemmgħu leħinhom dwar kwistjonijiet li huma ta' interess settorjali jew speċjali għalihom. Kull grupp għandu jżomm lill-Kumitat Eżekuttiv

regolarment infurmat u kull sena jippreżenta rapport dwar il-ħidma tiegħu lill-Kumitat Eżekuttiv.

(2) B'mod partikolari l-Kumitat Eżekuttiv għandu jara li jkun hemm fergħa:

a) għall-adolexxenti ta' bejn it-13 u t-18-il sena;
b) għaż-żgħażagħ fl-età ta' bejn id-19 u t-30 sena;
c) għan-nisa;
d) għall-anzjani u pensjonanti;
e) għall-ħaddiema;
f) għal min jaħdem għal rasu
g) għall-professjonisti;
h) għall-qasam ta' benesseri soċjali (*social wellbeing*) li jiffukaw fuq temi ta' avvanz tal-mara, opportunitajiet indaqs, non-diskriminazzjoni fil-konfront ta' kull persuna, u promozzjoni ta' stili sani ta' ħajja;
i) għall-qasam tal-isport;
j) għall-Kunsilliera Lokali; u
k) għall-eks Membri Parlamentari, eks uffiċjali, kandidati u eks kandidati tal-partit.

B'dana li kull fergħa għandha tkun organizzata u titmexxa skont regolamenti li tadotta dik il-fergħa bl-approvazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv.

B'dana wkoll sakemm il-membri msemmijin fis-subartikolu (k) ta' dan il-paragrafu (2) ma jkunux iddekadew mis-sħubija fil-partit skont l-artikoli 6 jew 7 ta' dan l-Istatut.

**Forum tal-Fergħat**

**63.** Għandu jkun hemm Forum tal-Fergħat li jkun kompost mill-Presidenti tal-fergħat imsemmijin fl-artikolu 62 (2) ta' dan l-Istatut bl-iskop li jikkordina l-ħidma tagħhom u jiġu inkoraġġiti jieħdu inizjattivi li jindirizzaw realtajiet u problemi li jaffettwaw komunitajiet b'interessi settorjali diversi. Il-Forum għandu jkun presedut mill-President Djalogu Soċjali. Il-Forum għandu jiltaqa' għall-anqas darba fix-xahar.

**Il-Kunsill Amministrattiv**

**64.** Għandu jkun hemm Kunsill Amministrattiv, li jirrispondi lill-Kumitat Eżekuttiv, u li jkun responsabbli għat-tmexxija u d-direzzjoni tal-amministrazzjoni, għall-organizzazzjoni ċentrali u għall-attivitajiet politiċi tal-partit.

**65.** Permezz tal-Kunsill Amministrattiv il-partit għandu jassigura management effettiv u effiċjenti tal-assi tanġibbli u intanġibbli tiegħu, b'mod partikolari l-beni mobbli u immobbli li jippossedi, il-finanzjament tal-partit, u t-tmexxija tal-entitajiet kummerċjali u kumpaniji li jista' jkollu.

**66.** Fit-tmexxija tal-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-partit għandha tinżamm distinzjoni bejn it-tmexxija politika tal-partit minn naħa u l-management u l-finanzjament tal-entità kummerċjali u kumpaniji li fihom il-partit jista' jkollu interess ta' ishma jew kontroll effettiv min-naħa l-oħra, u għal dan l-iskop għandu jirrakkomanda lill-Kumitat Eżekuttiv ir-riżoluzzjonijiet ta' policy meħtieġa dwar il-ġestjoni tal-management u l-finanzjament ta' dawn l-entitajiet kummerċjali.

**67.** (1) Il-Kunsill Amministrattiv għandu jkun kompost mill-uffiċjali tal-partit imsemmijin fl-artikolu 11 ta' dan l-Istatut u miċ-Chairperson Kumitat Reġjonali Għawdex.

(2) Iċ-Chairpersons tal-kummissjonijiet, tal-kumitati reġjonali u tal-fergħat, jew xi membri jew impjegati oħra tal-partit, għandhom jattendu u jieħdu sehem bla vot f'kull laqgħa tal-Kunsill li għaliha jiġu msejħa skont il-ħtieġa tal-aġenda.

B'dana, iżda, illi ċ-chairpersons tal-fergħat għandhom id-dritt li jipproponu fuq l-aġenda tal-Kunsill ħidma politika u organizzattiva u rapporti tal-fergħa relattiva, f'liema każ għandhom jattendu u jieħdu sehem fil-laqgħa tal-Kunsill li tkun se tiddiskuti tali proposti jew rapporti.

**68.** Il-Kunsill Amministrattiv għandu jiltaqa' għall-anqas darba kull ħmistax u l-kworum għal-laqgħat għandu jkun ta' sitt membri; iżda fin-nuqqas ta' kworum il-laqgħa ssir bin-numru ta' membri preżenti nofs siegħa wara l-ħin miftiehem. Kull deċiżjoni tittieħed b'maġġoranza sempliċi.

**69.** Il-Kunsill Amministrattiv għandu jiltaqa' wkoll fuq talba tal-Kap tal-Partit jew tal-President tal-Kunsill Ġenerali, f'liema każ il-Kunsill għandu jiltaqa' mhux aktar tard minn żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.

**70.** Il-Kunsill Amministrattiv għandu b'mod ġenerali jwettaq dawk id-dmirijiet u funzjonijiet fdati lilu taħt dan l-Istatut jew xi regolament magħmul taħtu, u inpartikolari għandu:

a) jesegwixxi d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv u jkun responsabbli għall-amministrazzjoni u l-koordinament ġenerali tal-organizzazzjoni u l-ħidma tal-partit;

b) jippjana u jwettaq programmi ta' attivitajiet politiċi maħsuba li jkabbru l-appoġġ popolari tal-partit;

c) jagħti gwida u direzzjoni meħtieġa lill-uffiċjali, uffiċċji u organizzazzjonijiet tal-partit fuq materji ta' kuljum u dejjem fil-parametri li jistabbilixxi l-Istatut;

d) jisma', jistħarreġ u jiddeċiedi kull materja li tispetta lilu jew li tiġi riferuta lilu taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Istatut jew regolament magħmul taħtu;

e) iżomm taħt attenzjoni kontinwa persuni li jistgħu jkunu kandidati prospettivi mal-partit u jirriferihom lill-Kummissjoni Kandidati qabel ma jissottometti isimhom lill-Kumitat Eżekuttiv; u

f) flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv ikun responsabbli mill-osservanza tal-kodiċi ta' etika u dixxiplina billi jieħu dawk il-passi kollha neċessarji biex jiżgura d-dixxiplina fl-organizzazzjonijiet kollha tal-partit skont l-istess kodiċi.

**71.** Il-Kunsill Amministrattiv għandu wkoll:

a) jagħti direzzjoni ta' natura ġenerali lill-uffiċjali inkarigati mit-tmexxija ta' entitajiet kummerċjali tal-partit billi jipproponi lill-Kumitat Eżekuttiv riżoluzzjoni ta' policy għal dan l-iskop;

b) jikkonsidra rakkomandazzjonijiet dwar investiment kapitali sostanzjali li jkun propost li jsir mill-partit jew mill-entitajiet kummerċjali tiegħu;

c) japprova n-nomina ta' persuni fuq bordijiet ta' kumpaniji jew entitajiet oħra li fihom il-partit għandu sehem jew interess, kif ukoll japprova l-impjiegi kollha mal-partit u l-entitajiet kummerċjali tiegħu;

d) ikollu rapporti u kontijiet regolari dwar l-oqsma kollha tal-partit, inkluż investimenti tiegħu f'entitajiet ta' natura kummerċjali;

e) japprova l-baġit annwali tal-partit u ta’ entitajiet kummerċjali li fihom il-partit għandu l-maġġoranza tal-ishma;

f) jeżamina u japprova l-kontijiet tal-partit fl-aħħar tas-sena finanzjarja;

g) jaħtar Awditur Estern b’warrant maħruġ skont l-Att Dwar il-Professjoni tal-Accountancy biex jivverifika l-kontijiet tal-partit. L-awditur ma jistax jinbidel jekk mhux qabel jgħaddu sentejn mid-data tal-ħatra tiegħu;

h) jiżgura li jitressqu quddiemu b’mod regolari rapporti dwar l-andament finanzjarju tal-partit; u

i) jagħti dawk id-direttivi dwar il-finanzi u l-investimenti tal-partit li jidhirlu xierqa u fl-aħjar interess tal-partit.

**72.** (1) Il-Kunsill Amministrattiv jista’ jawtorizza lir-rappreżentanti ġuridiċi tal-partit għal kull self u għoti ta’ garanziji għan-nom tal-partit, u għal dan l-iskop jista’ jawtorizza li jiġu ipotekati l-beni tal-istess partit jew b’kull mod ieħor jagħti garanziji, mobiljari jew immobiljari, li jkun jeħtieġ.

(2) L-istess rappreżentanti ġuridiċi għandhom ukoll, individwalment, il-jedd li bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill Amministrattiv jissellfu u jagħtu garanziji għan-nom tal-partit u għal dan il-għan ikunu jistgħu jipotekaw il-beni tal-istess partit jew b’kull mod ieħor jagħtu garanziji, mobiljari jew immobiljari, li jkunu meħtieġa.

**73.** Fi kwalunkwe deċiżjoni li tirrigwarda l-aħjar użu ta’ xi propjetà fdata lil xi kumitat sezzjonali, il-Kunsill Amministrattiv għandu jassigura li jinvolvi l-kumitat konċernat fil-proċess relattiv sa mill-bidu tiegħu. Id-deċiżjoni finali tkun tal-Kunsill Amministrattiv u tkun komunikata bil-miktub.

**ELCOM**

**74.** (1) Il-Kunsill Amministrattiv għandu jaħtar Direttur li jkun responsabbli għall-Uffiċċju Elettorali tal-partit (ELCOM). Id-Direttur tal-ELCOM jinħatar wara kull elezzjoni ġenerali u jibqa’ fil-kariga sa tliet xhur wara tali elezzjoni meta jista’ jerġa’ jinħatar. Kandidati, Kunsilliera Lokali u Membri Parlamentari ma jistgħux jokkupaw xi pożizzjoni fl-ELCOM.

(2) Id-Direttur ELCOM għandu jkun responsabbli: (i) għat-tħejjija u t-twettiq ta’ pjan ta’ mobilizzazzjoni ta’ membri tal-partit kif ukoll ta’ kull loġistika meħtieġa biex il-partit jassigura l-aqwa turn-out possibbli ta’ eletturi u kontroll effettiv tal-proċess elettorali f’kull votazzjoni fil-pajjiż u dan dejjem inkonformità mal-

liġijiet u regolamenti tal-pajjiż li jirregolaw l-elezzjonijiet; u (ii) għar-relazzjonijiet ta' kuljum mal-Kummissjoni Elettorali tal-pajjiż u għal-loġistika konnessa mal-organizzazzjoni ta' votazzjonijiet fil-pajjiż.

(3) Id-Direttur għandu jkollu aċċess għal dik id-data fil-pussess tal-Kummissjoni Elettorali Permanenti, imwaqqfa bl-Artikolu 148, li tkun meħtieġa biex l-uffiċċju ELCOM ikun jista' jwettaq il-missjoni tiegħu. Id-Direttur għandu jassigura li kull persuna involuta b'xi mod fl-uffiċċju ELCOM tkun konxja u mħarrġa dwar l-obbligi legali li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' data privata.

(4) Id-Direttur ELCOM għandu jaħdem id f'id mal-uffiċjali rilevanti tal-partit u jirrispondi lis-Segretarju Ġenerali u lill-Kunsill Amministrattiv. Kull kumitat sezzjonali, kull organizzazzjoni, Membri Parlamentari u kandidati huma obbligati jagħtu kull appoġġ lill-ELCOM u jsegwu d-direttivi tad-Direttur għall-aħjar preżenza u organizzazzjoni f'kull elezzjoni fil-pajjiż.

## Kumitat tat-Tmexxija

**75.** (1) Għandu f'kull ħin ikun hemm Kumitat tat-Tmexxija kompost mill-Kap, mill-Viċi Kap, mill-President tal-Kunsill Ġenerali, mis-Segretarju Ġenerali, miż-żewġ Presidenti u s-Segretarju Eżekuttiv Organizzattiv li jfasslu l-istrateġija politika tal-partit u jassiguraw l-implimentazzjoni tagħha.

(2) Il-Kumitat għandu jara li d-direzzjoni politika maqbula fil-Kumitat Eżekuttiv qed tiġi implimentata. Il-Kumitat għandu wkoll jikkonsidra bir-reqqa kwalunkwe nomina ta' impjegati biex jimlew vakanzi fil-livell ta' diretturi, kapijiet ta' sezzjonijiet u personnel ieħor f'xi taqsima tal-organizzazzjoni jew ta' xi entità kummerċjali tal-partit u jagħmel ir-rakkomandazzjoni meħtieġa lill-organu kompetenti.

## Bord ta' Reviżuri

**76.** Il-Kunsill Amministrattiv għandu jaħtar Bord ta' Reviżuri li jkun responsabbli sabiex:

a) jissorvelja l-amministrazzjoni maniġerjali u finanzjarja tal-partit u tal-entitajiet kummerċjali tiegħu;

b) janalizza u jikkummenta dwar l-estimi finanzjarji qabel ma dawn jiġu approvati mill-Kunsill Amministrattiv;

c) jivverifika l-proċeduri interni tal-partit u jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill Amministrattiv kull fejn meħtieġ; u

d) iservi ta' awditur intern tal-partit u tal-ħidma tiegħu.

**77.** Il-Bord ta' Reviżuri għandu jkun magħmul minn mhux anqas minn tliet membri kompetenti maħtura mill-Kumitat Eżekuttiv fuq proposta tal-Kunsill Amministrattiv.

**78.** (1) Il-Bord ta' Reviżuri għandu jirrapporta l-ħidma tiegħu skont il-ħtieġa lill-Kunsill Amministrattiv u darba fis-sena lill-Kumitat Eżekuttiv.

(2) Il-Bord għandu jkollu aċċess sħiħ għal kull informazzjoni jew dokumentazzjoni li tista' tkun relatata mal-ħidma tiegħu u l-każijiet riferuti lilu.

**Il-Kunsill Ġenerali**

**79.** Il-Kunsill Ġenerali hu l-ogħla organu tal-partit li għandu jiddeċiedi u jkollu l-aħħar kelma fuq kull materja politika jew organizzattiva li tolqot lill-partit.

**80.** Il-Kunsill Ġenerali għandu:

a) jassigura l-elezzjoni tal-Kap tal-Partit skont il-provvedimenti ta' dan l-Istatut;

b) jeleġġi Viċi Kap tal-Partit;

c) jeleġġi l-President tal-Kunsill Ġenerali;

d) japprova l-programm elettorali;

e) jiddeċiedi kull proposta mressqa mill-Kumitat Eżekuttiv;

f) jiddiskuti u japprova dokumenti, proposti u rapporti dwar il-politika u l-ħidma fl-oqsma kollha tal-partit, inkluż rapport dwar il-ħidma tal-Grupp Parlamentari;

g) jiddeċiedi kull proposta jew rapport li jitressqu wara talba ta' mhux inqas minn 150 membru tal-Kunsill Ġenerali; u

h) jiddiskuti u japprova emendi u addendi għal dan l-Istatut. B'dana illi f'każ bħal dan ikun meħtieġ avviż ta' mhux anqas minn ħmistax-il

ġurnata qabel id-data tal-Kunsill Ġenerali li jkun se jiddiskuti din il-materja.

**81.** (1) Il-Kunsill Ġenerali għandu jkun kompost:

a) minn numru ta' membri tal-partit eletti skont il-kriterji u l-metodi stabbiliti fl-Iskeda ta' dan l-Istatut;

b) mill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv;

c) mill-Membri Parlamentari u l-Membri Parlamentari Ewropej;

d) mill-Kunsillieri Lokali u mill-Presidenti tal-Kunsilli Reġjonali eletti f'isem il-partit taħt l-Att dwar Gvern Lokali (Kap 363);

e) minn ħmistax-il membru magħżula minn fost il-membri ta' kull kumitat li jmexxi l-fergħat imsemmija fl-Artikolu 62.2;

f) mill-membri eletti tal-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex;

g) mill-kandidati approvati mill-Kumitat Eżekuttiv għal xi elezzjoni nazzjonali; u

h) minn eks Membri tal-Parlament ta' Malta u tal-Parlament Ewropew eletti f'isem il-partit, u eks uffiċjali tal-partit li jkunu għadhom membri tal-partit.

B'dana illi membri msemmijin fis-subartikoli (b) sa (h) ta' dan l-artikolu ma jkunux jistgħu jikkontestaw l-elezzjoni għall-membri msemmijin fis-subartikolu (a) ta' dan l-artikolu.

B'dana wkoll illi l-membri msemmijin fis-subartikolu (h) ta' dan l-artikolu ma jkunux iddekadew mis-sħubija fil-partit skont l-artikolu 6 ta' dan l-Istatut.

(2) Ikunu definittivament kunsidrati kunsilliera dawk kollha li jirriżultaw hekk mir-rekords miżmuma mill-Kummissjoni Elettorali fid-data li fiha jissejjaħ il-Kunsill Ġenerali skont l-artikolu 82 ta' dan l-Istatut.

**82.** (1) Il-Kunsill Ġenerali għandu jiltaqa':

a) għall-anqas darbtejn fis-sena, darba biex jiddiskuti u japprova r-rapporti msemmija fl-artikolu 80 (f), u darb'oħra biex jiddiskuti dokument politiku preżentat mill-Kumitat Eżekuttiv;

b) fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni uffiċjali tar-riżultat ta' kull elezzjoni ġenerali biex jiġi diskuss ir-riżultat tal-elezzjoni;

c) fuq deċiżjoni tal-Kap tal-Partit;

d) fuq deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv; jew

e) wara talba bil-miktub ta' mhux inqas minn mija u ħamsin (150) membru tal-Kunsill Ġenerali mogħtija f'idejn il-President tal-Kunsill Ġenerali.

(2) Meta jintalab kif provdut fis-subartikolu (1) (e) ta' dan l-artikolu, il-Kunsill Ġenerali għandu jiltaqa' u jiddeċiedi l-materja indikata fit-talba l-aktar kmieni possibbli iżda żgur mhux aktar tard minn tletin jum mid-data li fiha l-President tal-Kunsill Ġenerali jirċievi t-talba.

(3) F'kull Kunsill Ġenerali, wara li jitressqu r-rapporti ta' ħidma, kull kunsillier jista' jitlob spjega ta' aġir minn kull membru tal-partit li jokkupa kariga politika pubblika jew li jokkupa kariga fl-istruttura tal-partit sakemm ikun indika t-talba għal spjegazzjoni lill-Kumitat Eżekuttiv li jkun issejjaħ qabel jiltaqa' l-Kunsill.

(4) L-aġenda u l-proċedura tal-laqgħat tal-Kunsill għandhom ikunu adottati mill-Kumitat Eżekuttiv. Meta l-Kunsill Ġenerali jiġi msejjaħ fuq direttiva tal-Kap tal-Partit l-aġenda tiġi magħmula minnu.

(5) Id-data u l-aġenda tal-laqgħat tal-Kunsill għandhom ikunu komunikati lill-Kunsillieri tal-inqas tmint ijiem qabel il-laqgħa.

### Il-Kap

**83.** (1) Il-Kap huwa l-Kap tal-Partit kif ukoll iċ-Chairperson tal-Grupp Parlamentari, u jservi bħala Prim Ministru meta l-partit ikun qed imexxi l-gvern u Kap tal-Oppożizzjoni meta l-partit ikun fl-oppożizzjoni.

(2) Il-Kap tal-Partit hu responsabbli għad-direzzjoni politika ġenerali tal-partit kif stabbilita mill-Kumitat Eżekuttiv u l-Kunsill Ġenerali.

(3) Il-Kap tal-Partit hu responsabbli għad-direzzjoni u l-ħidma tal-Grupp Parlamentari fil-Parlament.

(4) Il-Kap tal-Partit jinħatar jew jiġi konfermat wara kull elezzjoni ġenerali skont kif jipprovdi dan l-Istatut.

**Il-Viċi Kap**

**84.** (1) Il-Viċi Kap tal-Partit għandu jkun responsabbli mill-istess xogħol u responsabbiltajiet tal-Kap meta dan ikun assenti minn Malta jew ma jkunx f'pożizzjoni li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu.

(2) Il-Viċi Kap jassisti lill-Kap fit-tfassil u tmexxija tal-attività politika tal-partit relatata mal-ħidma parlamentari.

(3) Il-Viċi Kap jista' jwettaq ħidma oħra li tista' tiġi delegata lilu mill-Kap jew minn xi organu tal-partit, sakemm din mhix diġà assenjata lil xi uffiċjal jew organizzazzjoni oħra b'xi provvediment ta' dan l-Istatut.

(4) Il-Viċi Kap tal-Partit jinħatar jew jiġi konfermat mill-Kunsill Ġenerali wara kull elezzjoni ġenerali skont kif jipprovdi dan l-Istatut.

**President tal-Kunsill Ġenerali**

**85.** Il-Kunsill Ġenerali għandu jkun presedut minn President elett minn u minn fost il-kunsillieri tal-partit għall-perjodu ta' ħames snin. Meta l-Kunsill Ġenerali jiġi biex jeleġġi l-President tiegħu, il-Kunsill Ġenerali għandu jiġi presedut miċ-Chairperson tal-Kumitat Eżekuttiv sakemm isseħħ l-elezzjoni tal-President.

**86.** (1) Il-persuna fil-kariga ta' President tal-Kunsill Ġenerali għandha:

a) tkun il-gwardjan tal-governanza tajba tal-istrutturi kollha tal-partit;

b) tara li l-Istatut tal-partit jiġi osservat u applikat mill-organi u l-organizzazzjonijiet kollha tal-partit;

c) tirrapporta lill-Kumitat Eżekuttiv dwar dak li jkun ġie approvat u deċiż mill-Kunsill Ġenerali u dwar ħwejjeġ oħra diskussi; u

d) taqdi dawk id-dmirijiet l-oħra li jistgħu jiġu delegati lilu mill-Kap tal-Partit, mill-Kumitat Eżekuttiv jew mill-Kunsill Amministrattiv, sakemm mhux diġà assenjati lil xi uffiċjal jew organizzazzjoni oħra b'xi provvediment ta' dan l-Istatut.

(2) Il-President għandu jkollu vot oriġinali u vot deċiżiv fil-każ fejn fuq xi materja l-voti fil-Kunsill Ġenerali jiġu ndaqs.

**87.** (1) Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiddeċiedi l-proċedura tal-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali u jista' jiddeċiedi li għall-aħjar diskussjoni tal-aġenda l-Kunsill Ġenerali jiltaqa' sew f'sessjonijiet plenarji kif ukoll jirrisolvi ruħu f'assemblej tal-kunsilliera skont kif il-Kumitat Eżekuttiv jidhirlu l-aħjar għall-andament tax-xogħol u d-diskussjoni fuq l-aġenda tal-Kunsill.

B'dana, iżda, illi huwa biss il-Kunsill Ġenerali f'sessjoni plenarja li jista' jiddeċiedi b'mod definittiv fuq il-materji mressqa quddiemu.

(2) Il-kworum tal-Kunsill Ġenerali għandu jkun ta' mitejn kunsillier. B'dana, iżda, li f'każ li ma jintlaħaqx il-kworum sal-ħin stabbilit għal-laqgħa tal-Kunsill Ġenerali, il-laqgħa ssir xorta waħda nofs siegħa wara bin-numru ta' kunsillieri preżenti.

**88.** L-Istatut tal-partit jista' jiġi mibdul b'mozzjoni li tiġi approvata minn ħamsin fil-mija u wieħed (50% + 1) tal-voti validi mixħuta mill-kunsillieri, liema votazzjoni titmexxa mill-Kummissjoni Elettorali;

B'dana illi l-ebda votazzjoni għal dan l-iskop ma għandha tittieħed kemm-il darba ma jkunx hemm il-kworum ta' kunsilliera stabbilit mill-Istatut għal-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali skont artikolu 87 (2) ta' dan l-Istatut.

**Elezzjoni ta' Kap tal-Partit u ta' Viċi Kap**

**89.** (1) F'każ li wara elezzjoni ġenerali l-partit jitla' fil-gvern, il-Kumitat Eżekuttiv għandu jlaqqa' Kunsill Ġenerali kif jipprovdi l-artikolu 82 (1) (b) u għandu wkoll jikkonferma l-Kap u l-Viċi Kap skont il-provvedimenti ta' dan l-istatut.

(2) F'każ li wara elezzjoni ġenerali l-partit ikun fl-oppożizzjoni, il-Kumitat Eżekuttiv għandu jlaqqa' l-Kunsill Ġenerali kif jipprovdi l-artikolu 82 (1) (b) u għandu wkoll jiddeċiedi li jniedi proċess ta' elezzjoni ta' Kap u ta' Viċi Kap skont il-provvedimenti ta' dan l-Istatut.

B'dana, iżda, li f'każ li tinħoloq vakanza fil-kariga ta' Kap jew Viċi Kap tal-Partit minħabba riżenja jew vot ta' sfiduċja mill-Kunsill Ġenerali, għandha ssir elezzjoni biex jintgħażel Kap jew Viċi Kap fi żmien mhux aktar minn tliet xhur minn tali deċiżjoni.

(3) Kull membru tal-partit hu eliġibbli li jikkontesta għall-kariga ta' Kap tal-Partit skont il-provvedimenti ta' dan l-Istatut u r-regolamenti magħmula taħtu.

(4) Il-Kap tal-Partit u l-Viċi Kap għandhom jiġu eletti f'elezzjoni li titmexxa mill-Kummissjoni Elettorali skont regolamenti adottati kif jitlob l-artikolu 98 ta' dan l-Istatut.

**Proċess ta' verifika u ta' nominazzjoni ta' Kap tal-Partit**

**90.** F'kull każ ta' xi elezzjoni ta' Kap tal-Partit għandu jiġi segwit dan il-proċess:

a) Il-Kummissjoni Elettorali għandha fi żmien tlett ijiem minn meta l-Kunsill Ġenerali jniedi l-imsemmija elezzjoni tippubblika avviż u titlob dikjarazzjoni ta' interess minn membri tal-partit interessati li jikkontestaw il-kariga ta' Kap, liema dikjarazzjoni għandha tasal għand iċ-chairperson tal-Kummissjoni fi żmien sebat ijiem mid-data tal-avviż imsemmi.

b) Iċ-Chairperson tal-Kummissjoni Elettorali għandu, fi żmien jumejn, jibgħat l-ismijiet tal-membri li jiddikjaraw dan l-interess lill-Kummissjoni Kandidati li min-naħa tagħha għandha tniedi l-verifiki meħtieġa skont il-provvedimenti tal-artikoli 135, 136 u 137 ta' dan l-Istatut u provvedimenti oħra rilevanti tal-Istatut u r-regolamenti magħmula taħtu.

c) Il-Kummissjoni Kandidati għandha tikkonkludi l-verifiki meħtieġa fl-iqsar żmien possibbli iżda żgur mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-data tal-għeluq għad-dikjarazzjoni ta' interess imsemmija aktar 'il fuq. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport tal-verifika lill-Kunsill Amministrattiv u lill-Kummissjoni Elettorali b'dikjarazzjoni motivata dwar jekk il-membri li ddikjaraw l-interess jissodisfawx il-kriterji tal-verifika.

d) Il-Kummissjoni Elettorali għandha fi żmien tlett ijiem mir-rapport tal-verifika msemmi toħroġ avviż li jsejjaħ għal nominazzjonijiet ta' kandidati minn fost dawk li jkunu ġew pożittivament verifikati. Iż-żmien għan-nominazzjonijiet għandu jagħlaq fi żmien ħamest ijiem.

e) In-nominazzjoni għall-elezzjoni ta' Kap tal-Partit għandha ssir fuq il-formola preskritta, tkun iffirmata mill-kandidat propost, u tkun sekondata minn għall-anqas (i) tliet membri tal-Grupp Parlamentari, (ii) ħames membri tal-Kulleġġ Kunsilliera Lokali, (iii) għaxar membri tal-Kumitat Eżekuttiv, (iv) ħamsin membru tal-Kunsill Ġenerali, u (v) ħamsin membru tal-partit.

B'dana illi membri interessati skont il-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu u kwalunkwe membri oħra tal-partit jistgħu biss jikkanvasjaw xi kandidatura wara li jkun ġie pubblikat l-avviż li jsejjaħ għal nominazzjonijiet skont paragrafu (d) ta' dan l-artikolu.

**91.** Hekk kif jagħlqu n-nominazzjonijiet, il-Kummissjoni Elettorali għandha tgħaddi biex torganizza l-elezzjoni tal-Kap tal-Partit kif ġej:

a) F'każ li jkun hemm aktar minn żewġ kandidati, il-Kummissjoni għandha torganizza votazzjoni sigrieta fost il-membri tal-Kunsill Ġenerali fl-ewwel tmiem il-ġimgħa wara ħmistax-il ġurnata mill-għeluq tan-nominazzjonijiet; b'dana illi l-Kummissjoni għandha barra din il-votazzjoni torganizza votazzjoni oħra aktar kmieni għal dawk il-membri li għal xi raġuni jagħżlu li jivvutaw aktar kmieni.

b) Fi tmiem il-ġimgħa ħmistax-il jum wara l-votazzjoni msemmija fis-subparagrafu preċedenti, il-Kummissjoni għandha torganizza votazzjoni fost it-tesserati tal-partit imlaqqgħa apposta f'Konvenzjoni Ġenerali biex dawn jagħżlu l-Kap tal-Partit minn fost iż-żewġ kandidati li jkunu ġabu l-akbar ammont ta' voti f'dik il-votazzjoni. Il-Kummissjoni għandha barra din il-votazzjoni torganizza votazzjoni oħra aktar kmieni għal dawk il-membri li għal xi raġuni jagħżlu li jivvutaw aktar kmieni.

**92.** Il-Kummissjoni Elettorali għandha tiddikjara elett bħala Kap tal-Partit dik il-persuna minn fost iż-żewġ kandidati li wara vot sigriet tkun kisbet għall-anqas ħamsin fil-mija u wieħed (50% + 1) tal-voti validi mixħuta mit-tesserati li jkunu vvutaw fil-Konvenzjoni Ġenerali.

**93.** Fil-każ illi jkun hemm biss nominazzjoni waħda, din għandha titressaq għall-votazzjoni sigrieta mill-Kunsill Ġenerali u biex il-kandidat jiġi dikjarat elett jinħtieġ jikseb għall-anqas ħamsin fil-mija u wieħed (50% + 1) tal-voti validi mixħuta mill-kunsillieri li jkunu vvutaw.

**94.** Konferma ta' Kap jew ta' Viċi Kap tal-Partit jew vot ta' fiduċja jew sfiduċja fihom jinħtieġu l-appoġġ b'vot sigriet ta' għall-anqas ħamsin fil-mija u wieħed (50% + 1) tal-voti validi mixħuta mill-kunsillieri f'Kunsill Ġenerali mlaqqa' apposta.

**95.** Darba tkun ġiet deċiża mozzjoni ta' fiduċja fil-Kap jew fil-Viċi Kap tal-Partit, il-Kunsill Ġenerali m'għandux jikkonsidra mozzjoni simili qabel jgħaddu sentejn minn dik id-deċiżjoni.

**Elezzjoni ta' Viċi Kap tal-Partit**

**96.** Filwaqt li l-provvedimenti tal-artikolu 90 (a), (b), (c) u (d) għandhom japplikaw *mutatis mutandi* għall-elezzjoni ta' Viċi Kap tal-Partit, in-nominazzjonijiet għall-Viċi Kap tal-Partit għandhom ikunu sekondati għall-anqas minn (i) żewġ Membri Parlamentari, (ii) tliet Kunsilliera Lokali, (iii) ħames membri tal-Kumitat Eżekuttiv u (iv) għall-anqas ħamsin (50) kunsillier tal-partit.

**97.** Il-Viċi Kap tal-Partit għandu jiġi elett f'elezzjoni b'vot sigriet wara li jikseb l-appoġġ ta' għall-anqas ħamsin fil-mija u wieħed (50% + 1) tal-voti validi mixħuta mill-kunsillieri mlaqqgħa apposta f'Kunsill Ġenerali.

**98.** L-elezzjonijiet imsemmija fl-artikoli preċedenti jinżammu skont regolamenti mfassla mill-Kumitat Eżekuttiv li jiġu approvati mill-Kunsill Ġenerali. Fil-każ ta' elezzjoni ta' Kap tal-Partit dawk eliġibbli biex jipparteċipaw f'din l-elezzjoni jridu jkunu ta' età minn sittax-il (16) sena 'l fuq u jkunu aġġornati fil-ħlas dovut għas-sħubija sa minn tal-anqas sentejn kalendarji konsekuttivi qabel is-sena li fiha jissejħu dawn l-elezzjonijiet.

## Il-Konvenzjoni Ġenerali

**99.** Għandu jkun hemm Konvenzjoni Ġenerali li tiġbor fiha l-imsieħba kollha tal-partit. Il-Konvenzjoni tissejjaħ mill-Kumitat Eżekuttiv u għandha sservi bħala opportunità għall-membri tal-partit li jieħdu sehem f'diskussjoni dwar il-politika u l-programm elettorali tal-Partit.

**100.** Il-Konvenzjoni Ġenerali għandha tissejjaħ ukoll mill-Kumitat Eżekuttiv f'kull każ ta' elezzjoni tal-Kap tal-Partit.

**101.** Il-Konvenzjoni Ġenerali għandha tkun preseduta mill-President tal-Kunsill Ġenerali.

**102.** Il-Kumitat Eżekuttiv għandu l-fakultà li jistieden membri oħra tal-pubbliku, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u msieħba soċjali biex jattendu u jipparteċipaw fid-diskussjoni.

**103.** Il-preparazzjoni u l-amministrazzjoni tal-Konvenzjoni Ġenerali għandha ssir mill-Kunsill Amministrattiv.

## Kunsill Konsultattiv Anzjan

**104.** (1) Għandu jkun hemm Kunsill Konsultattiv Anzjan presedut mill-Kap tal-Partit kompost minn dawk il-persuni li f'xi żmien servew bħala Kap, Viċi Kap jew Segretarju Ġenerali tal-Partit u li jkunu rtiraw minn kull kariga li seta' kellhom fil-Partit.

(2) Il-Kap tal-Partit jista' jistieden persuni oħra li jkunu ddistingwew jew qed jiddistingwu ruħhom b'xi mod partikolari fl-interess tal-pajjiż u tal-partit għal laqgħat partikolari skont is-suġġett li jkun se jiġi trattat.

(3) Il-Kunsill għandu jiltaqa’ għall-anqas kull erba’ xhur sabiex:

a) jieħu konjizzjoni ta’ rapport dwar l-andament tal-partit fl-erba’ xhur ta’ qabel;

b) jagħmel analiżi tal-istat tal-pajjiż fil-mument tal-laqgħa; u

c) jagħti l-pariri li jħoss xierqa.

(4) Kull diskussjoni, smigħ, informazzjoni u materja li tiġi quddiem il-Kunsill għandhom ikunu privileġġjati bħala kunfidenzjali.

## TAQSIMA III – IL-PARTIT FIL-PARLAMENT MALTI, EWROPEW U FIL-KUNSILLI LOKALI

### Il-Grupp Parlamentari

**106.** Il-Grupp Parlamentari tal-partit ikun kompost mill-Kap tal-Partit flimkien mal-Membri Parlamentari eletti f'isem il-partit fil-Parlament Malti u fil-Parlament Ewropew u li għandhom jibqgħu hekk membri sakemm huma Membri Parlamentari u membri tal-partit.

**107.** Il-Grupp għandu jeleġġi minn fost il-membri tiegħu s-Segretarju. Il-Kap għandu jagħżel il-Whip u żewġ Whips Assistenti minn fost il-Membri tal-Grupp. Kull kariga għandu jkollha terminu ta' sentejn b'dana, iżda, li tista' tiġi mġedda għal perjodi ulterjuri ta' sentejn kull wieħed.

**108**. Il-persuna fil-kariga ta' Segretarju tal-Grupp għandha tkun responsabbli mill-koordinament bejn organizzazzjoni tal-partit u l-Grupp.

### Fil-Parlament Malti

**109.** Meta l-partit ikun fl-oppożizzjoni, għandu jkun hemm Shadow Cabinet u/jew Kelliema li jkunu magħżula mill-Kap li jista' jħalli din l-għażla f'idejn il-Grupp.

**110.** Il-Grupp jista' jistieden għal-laqgħat tiegħu uffiċjali oħra tal-partit jew persuni u esperti oħra bħala osservaturi biex jassistuh fil-ħidma tiegħu.

**111**. (1) Il-Grupp għandu jiltaqa' tant drabi daqs kemm hemm bżonn iżda normalment mhux anqas minn darba kull ħmistax, ħlief meta l-Parlament ikun aġġornat.

B'dana, iżda, li l-Grupp għandu jiltaqa' kull darba li jsejjaħlu l-Kap jew meta jkun hemm talba għaldaqstant magħmula minn mhux anqas minn terz tal-membri tal-Grupp, f'liema każ il-Grupp għandu jiltaqa' mhux aktar tard minn sebat ijiem.

(2) L-aġenda għandha tiġi magħmula b'arranġament bejn il-Kap, is-Segretarju u l-Whip. Il-laqgħat ordinarji tal-Grupp għandhom jissejħu b'avviż ta' tlett ijiem flimkien mal-aġenda. B'dan, iżda, li kull membru tal-Grupp jista' jitlob li jressaq xi materja għad-diskussjoni quddiem il-Grupp.

B'dana, iżda, li l-Grupp jista' jissejjaħ mill-Kap b'urġenza, f'liema każ it-terminu għall-aġenda u għall-avviż ma japplikawx.

**112.** Id-deċiżjonijiet fi ħdan il-Grupp jittieħdu b'maġġoranza sempliċi. Il-Kap, bħala l-President tal-Grupp, għandu vot oriġinali u f'każ ta' voti ndaqs vot deċiżiv.

**113.** Ix-xogħol tal-Grupp Parlamentari hu li:

a. ifassal u jikkoordina l-ħidma parlamentari fil-kuntest tal-linji politiċi tal-partit;

b. jiddiskuti l-ħidma tal-Membri Parlamentari Ewropej eletti f'isem il-partit; u

c. jiddeċiedi t-tqassim tax-xogħol bejn il-Membri tal-Parlament.

**114.** Il-Membri Parlamentari huma obbligati jattendu u jieħdu sehem attiv f'kull laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-Kunsill Ġenerali.

**115.** (1) F'każ ta' nuqqas ta' qbil serju fil-Grupp dwar materja li tirrigwarda l-ħidma parlamentari u l-pożizzjoni, inkluż il-vot, tal-Grupp fuq kwalunkwe materja fil-Parlament, għandha ssir diskussjoni u l-kwestjoni tiġi deċiża, jekk hemm bżonn, b'vot dwar liema pożizzjoni għandu jieħu l-Grupp fuq dik il-materja u dak li jiġi deċiż jorbot lil kull membru tal-Grupp.

(2) F'każ ta' nuqqas ta' qbil serju fil-Grupp dwar materji ġenerali ta' prinċipju jew ta' policy, il-kwistjoni għandha tiġi mressqa quddiem il-Kumitat Eżekuttiv biex din il materja tiġi diskussa u deċiża mill-istess Kumitat Eżekuttiv b'mod li din id-deċiżjoni tkun tista' tiġi mibdula biss mill-Kunsill Ġenerali wara li tkun saret talba għalhekk minn mill-inqas għaxar membri tal-Kumitat Eżekuttiv.

(3) F'każijiet ta' emerġenza estrema fil-Parlament il-membri kollha tal-Grupp għandhom jivvutaw skont id-direzzjoni li jagħti l-Kap u fl-assenza tiegħu l-Viċi Kap, b'dan li l-kwistjoni tiġi konsidrata mill-Grupp fl-ewwel opportunità possibbli.

(4) Fuq kwestjonijiet li jinvolvu l-konvinzjoni tal-kuxjenza jew twemmin, il-Grupp jista' jiddeċiedi li l-Membri tiegħu jitħallew jivvutaw b'mod liberu fil-Parlament.

(5) Il-Membri tal-Parlament li ma jaqblux mad-deċiżjonijiet tal-Kap jistgħu jressqu l-kwistjoni quddiem il-Kumitat Eżekuttiv għall-konsiderazzjoni u l-passi meħtieġa minnu.

**116**. Kandidat li jikkontesta f'isem il-partit l-elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati u jiġi elett f'aktar minn distrett elettorali wieħed, għandu jivvaka s-siġġu f'dak id-distrett fejn ġab l-anqas persentaġġ ta' voti f'dak l-għadd li fih ikun ġie elett.

**117.** Is-Segretarju tal-Grupp hu obbligat jirrapporta lill-Kumitat Eżekuttiv kull ksur jew nuqqas ta' dixxiplina mill-Membri Parlamentari biex dan ikun jista' jieħu l-passi meħtieġa.

**Fil-Parlament Ewropew**

**118.** Il-Membri eletti fil-Parlament Ewropew f'isem il-partit huma membri sħaħ tal-Grupp Parlamentari tal-partit u jibqgħu hekk membri sakemm jibqgħu Membri Parlamentari Ewropej u membri tal-partit.

**119**. Il-Kap għandu jagħżel minn fost il-Membri Parlamentari Ewropej tal-partit membru li jservi ta' kap u segretarju tad-delegazzjoni. Il-Kap jista' jħalli din l-għażla f'idejn il-Membri tal-Parlament Ewropew konċernati.

**120.** Il-Kap għandu l-prerogattiva li jlaqqa' lill-Membri tal-Parlament Ewropew tal-partit meta jkun meħtieġ biex jiddiskuti l-ħidma tagħhom u xogħol parlamentari Ewropew. Min-naħa tagħhom l-imsemmija Membri għandhom l-obbligu li jżommu l-Kap aġġornat bil-ħidma tagħhom.

**121**. Il-Membri tal-Parlament Ewropew tal-partit għandhom l-obbligu li jżommu lill-Kumitat Eżekuttiv u lill-Grupp Parlamentari aġġornati dwar il-ħidma tagħhom u dwar dak li jkun qed iseħħ fil-Parlament Ewropew.

**122**. Il-Membri Parlamentari Ewropej għandhom iżommu kuntatt regolari mal-amministrazzjoni tal-partit fil-qadi ta' dmirijiethom u jattendu għal-laqgħat tal-Grupp Parlamentari, tal-Kumitat Eżekuttiv, tal-Kunsill Ġenerali u laqgħat oħra fejn il-kontribut tagħhom ikun meħtieġ, u dan dejjem fil-limiti tal-impenji tagħhom fil-Parlament Ewropew, li jieħdu preċedenza.

**123.** Il-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Partit għandhom jiffurmaw parti minn dak il-grupp politiku fil-Parlament Ewropew kif determinat mill-Kumitat Eżekuttiv u jipparteċipaw fil-Parlament Ewropew ma' dan il-grupp fuq il-linji tal-programm elettorali tal-partit approvat għal dan l-iskop.

**Il-Kunsilliera Lokali**

**124.** (1) Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jara li jkun hemm Kulleġġ ta' Kunsillieri Lokali li jkun iffurmat mill-kunsillieri lokali kollha li jirrappreżentaw lill-partit. Il-Kulleġġ għandu jkollu statut mogħti lilu mill-Kumitat Eżekuttiv tal-partit bħal fil-każ tal-friegħi l-oħra tal-partit imsemmija fil-proviso tal-artikolu 62 (2).

(2) Il-Kulleġġ għandu jkun immexxi minn kumitat li jeleġġi minn ħdanu President tal-Kulleġġ u dawk l-uffiċjali l-oħra kif jipprovdi l-istatut tiegħu.

**125**. Il-Kulleġġ għandu:

a) jipprovdi forum għall-qsim ta' esperjenzi bejn il-kunsillieri ta' lokalitajiet differenti biex il-ħidma tagħhom tkun dejjem aktar effettiva għall-ġid tal-komunità li lilha jservu;
b) jipprovdi taħriġ u tagħlim għall-kunsillieri lokali, għall-kandidati prospettivi u għal kull min hu interessat fil-ħidma tal-Kunsilli Lokali;
c) iżomm lill-partit aġġornat mal-esperjenzi tal-Kunsilli Lokali biex il-partit ikun jista' jaġġorna l-politika tiegħu f'dan il-qasam;
d) jirrappreżenta fi ħdan il-partit, inkluż permezz ta' laqgħat mat-tmexxija tal-partit, il-fehmiet tal-Kunsillieri Lokali biex b'hekk il-ħidma tal-partit tkun tirrifletti wkoll l-interessi tagħhom;
e) iżomm kuntatt ma' organizzazzjonijiet simili barra minn Malta;
f) iżomm kuntatt regolari mal-kumitat sezzjonali tal-istess lokalità, billi fost l-oħrajn il-kunsillieri lokali jattendu l-laqgħat tal-kumitat sezzjonali bħala osservaturi, bl-iskop li jkun hemm skambju kontinwu ta' esperjenzi u suġġerimenti;
g) jippromwovi l-ideat u l-ideali tal-partit fil-ħidma tal-kunsillieri lokali mingħajr ma dan itellef l-awtonomija individwali tagħhom fejn jidħlu deċiżjonijiet dwar materji lokali; u
h) ilaqqa' l-Kunsilliera Lokali kollha eletti f'isem il-partit tal-anqas tliet darbiet fis-sena u wara kull laqgħa jkun preżentat rapport lill-Kumitat Eżekuttiv.

**Provvediment Ġenerali**

**126**. Sew meta l-partit ikun fil-gvern kif ukoll meta jkun fl-oppożizzjoni, il-partit għandu jara li l-Grupp ikollu s-servizzi meħtieġa ta' riċerka, informazzjoni, analiżi u formazzjoni ta' politika biex il-membri tal-Grupp jagħtu sehem sħiħ kostruttiv fil-Parlament u barra dwar it-tmexxija tal-pajjiż u min-naħa l-oħra tiżviluppa l-politika tal-partit bħala alternattiva għall-konsiderazzjoni tal-elettorat. Il-Kap għandu jara wkoll li l-Grupp ikollu dik l-organizzazzjoni meħtieġa biex

iżomm il-Gvern tal-ġurnata kontabbli lejn il-Parlament u jara li l-Oppożizzjoni żżomm il-politika, id-deċiżjonijiet u l-aġir tal-Gvern taħt skrutinju l-aktar effettiv possibbli u min-naħa l-oħra tiżviluppa l-politika tal-partit bħala alternattiva għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-elettorat.

**127.** Il-membri tal-Grupp għandhom ir-responsabbiltà li jsegwu u jkunu attivi fir-rigward ta' dak kollu li hu ta' interess għall-partit, jattendu l-laqgħat kollha tal-organi tal-partit, u huma obbligati li jżommu kuntatt effettiv mal-elettorat li jeleġġihom, mal-kumitati sezzjonali u dawk reġjonali, u mal-organizzazzjonijiet l-oħrajn tal-partit.

**128.** Il-Membri kollha tal-Grupp Parlamentari kif ukoll il-Kunsillieri Lokali huma obbligati josservaw il-Kodiċi ta' Etika u Dixxiplina tal-partit u kull direttiva approvata mill-Kumitat Eżekuttiv.

## TAQSIMA IV – KOMUNIKAZZJONI MAL-POPLU

### Direttorat Komunikazzjoni

**129.** Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jwaqqaf Direttorat Komunikazzjoni li jħaddem xibka ta' komunikazzjoni biex:

a) internament fil-partit il-membri, l-impjegati, l-uffiċjali u s-saffi diversi tal-partit ikunu infurmati sew fuq dak li jkun għaddej u jaħdmu f'sinerġija ma' xulxin; u

b) esternament fil-pajjiż b'kull mezz tradizzjonali u ġdid iseħħ djalogu konsistenti mal-pubbliku inġenerali u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu fost il-poplu.

**130.** Id-Direttorat Komunikazzjoni għandu jsegwi l-linja politika kif stabbilita mill-Kumitat Eżekuttiv u l-Kap tal-Partit, u għandu:

a) jiżviluppa u jimplimenta, flimkien mat-tmexxija tal-partit, strateġija effettiva ta' komunikazzjoni li tinforma l-pubbliku inġenerali dwar il-politika u l-ħidma tal-partit;

b) ifassal u jħaddem il-mezzi disponibbli biex individwi jikkomunikaw mal-partit l-ideat, il-kritika u l-proposti tagħhom u l-partit jingaġġa fi djalogu ma' dawk l-individwi;

c) iwassal il-messaġġ tal-partit lil kulħadd permezz tal-media, sew tradizzjonali kif ukoll dik ġdida;

d) jiżviluppa relazzjoni konsistenti u pożittiva mal-ġurnalisti, l-opinjonisti, edituri, bloggers u rappreżentanti ta' kull tip ta' media Maltija u barranija;

e) ikun responsabbli mit-taqsima tar-relazzjonijiet pubbliċi u reklamar tal-partit u għal dan l-iskop jippubblika stqarrijiet informattivi u interessanti u jiddisinja materjal attraenti ieħor pubbliċitarju li jippromwovi l-image tal-partit;

f) ikun inkarigat mit-taqsima tal-komunikazzjoni elettronika permezz tal-kompjuter u t-teknoloġija diġitali (inkluż il-websajt tal-partit, social networking, streaming video u awdjo, chat rooms u komunitajiet online) u jara li l-membri tal-partit huma edukati fl-użu pożittiv ta' dawn il-mezzi;

g) jibni u jħaddem taqsima għall-organizzazzjoni u loġistika ta' laqgħat, seminars, konferenzi, attivitajiet tal-massa, kampanji u events ta' kull tip li l-partit jista' jkollu bżonn fil-kors tal-ħidma tiegħu.

**Direttur Komunikazzjoni**

**131.** Għal dan l-iskop għandu jkun hemm persuna li tkun Direttur Komunikazzjoni u li tiġi maħtura mill-Kunsill Amministrattiv għal dak il-perjodu ta' żmien u fuq dawk it-termini u kundizzjonijiet li l-Kunsill jidhirlu xierqa.

**132**. Id-Direttur Komunikazzjoni għandu jkun inkarigat mit-tmexxija ta' kuljum tad-Direttorat Komunikazzjoni u għandu dritt li jirċievi l-aġenda u jattendi għal-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-Kunsill Amministrattiv mingħajr dritt għall-vot.

## TAQSIMA V – KUMMISSJONIJIET

### Kummissjoni Kandidati

**133.** Għandu jkun hemm f'kull ħin kummissjoni kandidati maħtura mill-Kumitat Eżekuttiv fuq proposta tal-Kunsill Amministrattiv u komposta minn chairperson u minn mhux anqas minn erba' u mhux aktar minn tmien persuni oħra. Il-President tal-Kunsill Amministrattiv għandu jkun membru ex officio ta' din il-kummissjoni.

**134**. Il-kummissjoni għandha tinħatar fl-ewwel sitt xhur mir-riżultat ta' elezzjoni ġenerali u tibqa' fil-kariga tul dik il-leġiżlatura. Kwalunkwe vakanza li tinħoloq fil-kummissjoni għandha timtela mill-Kumitat Eżekuttiv għaż-żmien rimanenti tal-mandat tal-kummissjoni. Il-mandat taċ-chairperson u tal-membri jista' jiġġedded u għandhom fi kwalunkwe każ jibqgħu fil-kariga sakemm tiġġedded il-kummissjoni.

**135.** (1) Il-funzjoni tal-kummissjoni hi li:

a) tidentifika żgħażagħ, nisa u rġiel f'kull lokal ta' Malta u Għawdex li jkunu idonei u li jikkwalifikaw biex ikunu kandidati f'isem il-partit għal xi elezzjoni lokali, nazzjonali jew Ewropea;

b) tirriċerka f'kull settur ta' ħidma kulturali, artistika, edukattiva, professjonali, kummerċjali, ekonomika, soċjali u kull vokazzjoni jew qasam ieħor ta' xogħol fil-pajjiż bl-iskop li tidentifika żgħażagħ, nisa u rġiel li jkunu idonei u li jikkwalifikaw biex ikunu kandidati għal xi elezzjoni f'isem il-partit kif diġà msemmi;

c) tirrapporta lill-Kunsill Amministrattiv bir-riżultati tal-ħidma tagħha;

d) tassigura li jsir l-eżerċizzju ta' diliġenza dovuta (due diligence) maħsub fl-artikolu 136 ta' dan l-Istatut kif ukoll tagħmel l-aċċertamenti u l-apprezzament meħtieġa dwar l-idoneità ta' kull persuna riferuta lilha mill-Kunsill Amministrattiv bħala persuna li tista' tkun kandidata prospettiva f'xi elezzjoni f'isem il-partit u tissottometti r-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Kunsill Amministrattiv; u

e) tirrapporta kull sitt xhur lill-Kunsill Amministrattiv u lill-Kumitat Eżekuttiv.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artiklu persuna idonea tfisser persuna b'karattru personali integru u onest, li l-unika motivazzjoni tagħha hi li tkun ta' servizz

għall-poplu u għall-ġid komuni tiegħu, kompetenti, u li tkun issodisfat l-eżerċizzju dwar diliġenza pruvata.

**Eżerċizzju ta' Diliġenza Pruvata**

**136**. Fir-rigward ta' kull membru li juri interess li jippreżenta ruħu bħala kandidat għal xi uffiċċju f'xi organu tal-partit jew bħala kandidat għal xi elezzjoni fil-pajjiż, il-kummissjoni għandha tikkonsidra x'livell ta' eżerċizzju ta' diliġenza pruvata jkun opportun li twettaq dwar l-impjieg, professjoni jew negozju li jista' jkollu.

**137.** (1) Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jadotta regoli li jistabbilixxu:

a) il-modalità ta' kif isiru l-eżerċizzji msemmija f'dan l-artikolu;

b) kriterji ċari dwar il-kwalitajiet u l-kwalifiċi meħtieġa minn dawk interessati jikkontestaw; u

c) iż-żmien meħtieġ biex isiru l-aċċertamenti meħtieġa dwar l-idoneità qabel ma tinbeda s-sejħa uffiċjali għal nominazzjonijiet.

(2) Il-Kummissjoni tista', biex twettaq aħjar il-funzjonijiet fdati lilha taħt dan l-Istatut, tqassam ix-xogħol fost l-istess membri tagħha u tqabbad esperti jgħinuha f'aspetti partikolari tal-evalwazzjoni li tagħmel ta' kull persuna nominata biex tkun kandidat f'xi elezzjoni.

**138.** Hekk kif il-Kumitat Eżekuttiv japprova l-isem ta' persuna biex tkun kandidata prospettiva f'xi elezzjoni f'isem il-partit, il-kummissjoni għandha:

a) tiltaqa' mal-persuna konċernata u toffrilha l-appoġġ meħtieġ sew fil-fili tal-partit kif ukoll fil-lokal jew distrett elettorali li tkun se tikkontesta;

b) tara li l-kandidati prospettivi jattendu korsijiet ta' taħriġ f'materji relatati mal-qadi ta' dmirijiet ta' kandidat, Kunsillier Lokali, jew Membru Parlamentari nazzjonali jew Ewropew; u

c) tkun disponibbli biex tagħti pariri u tinkoraġġixxi mġiba korretta bejn il-kandidati kollha fil-konfront ta' xulxin u fil-konfront ta' kull persuna oħra.

**139.** (1) Il-kummissjoni għandha żżomm lista aġġornata bl-ismijiet u d-dettalji ta' dawk il-persuni li jkunu approvati mill-Kumitat Eżekuttiv bħala kandidati. Għal dan l-iskop il-kummissjoni għandha fl-ewwel xahrejn ta' kull sena a) tindaga jekk il-persuna li isimha jidher fuq il-lista tkunx għadha interessata

tkun kandidata f'isem il-partit f'xi elezzjoni fil-pajjiż; b) tressaq il-lista bil-kummenti tagħha lill-Kunsill Amministrattiv; li c) min-naħa tiegħu jgħaddiha għall-approvazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv. Il-lista hekk approvata għandha tiġi depożitata mal-Kummissjoni Elettorali Permanenti għall-finijiet ta' aġġornament tar-rekords.

B'dana, iżda, li l-Membri tal-Grupp Parlamentari għandhom dejjem ikunu konsidrati kandidati approvati fin-nuqqas ta' deċiżjoni kuntrarja mill-Kumitat Eżekuttiv u sakemm jibqgħu hekk membri.

B'dana wkoll li tali lista għandha tiġi regolarment aġġornata b'ismijiet ta' kandidati ġodda li l-Kumitat Eżekuttiv jista' japprova minn żmien għal żmien.

(2) Il-Kummissjoni għandha wkoll il-fakultà li tirrakkomanda, fuq kriterji stabbiliti f'regolamenti mill-Kumitat Eżekuttiv, li persuna tiġi mneħħija minn fuq il-lista tal-kandidati.

**Kummissjoni Etika, Dixxiplina u Media Soċjali**

**140.** Għandu jkun hemm f'kull ħin Kummissjoni Etika, Dixxiplina u Media Soċjali li tirregola l-etika, d-dixxiplina u l-imġiba xierqa fost il-membri tal-partit – inkluż dwar kontributi minnhom fil-media soċjali li jitqiesu li jonqsu mir-rispett għad-dinjità u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem; li jippreġudikaw l-interessi tal-partit; jew li jagħmlu ħsara lil xi membru, uffiċjal, kandidat, Kunsillier, Membru Parlamentari jew Ewro-Parlamentari tal-partit.

**141.** (1) Il-kummissjoni għandha tkun maħtura mill-Kumitat Eżekuttiv fuq proposta tal-Kunsill Amministrattiv u komposta minn chairperson u erba' membri.

(2) Il-kummissjoni għandha tinħatar fl-ewwel tliet xhur mir-riżultat ta' elezzjoni ġenerali u tibqa' fil-kariga tul dik il-leġiżlatura. Kwalunkwe vakanza li tinħoloq fil-kummissjoni għandha timtela mill-Kumitat Eżekuttiv għaż-żmien rimanenti tal-mandat tal-kummissjoni. Il-mandat taċ-chairperson u tal-membri jista' jiġġedded u għandhom fi kwalunkwe każ jibqgħu fil-kariga sakemm tiġġedded il-kummissjoni.

(3) Iċ-chairperson u l-membri tal-kummissjoni għandhom ikunu magħrufa għall-integrità u l-onestà tagħhom, kompetenti biex jiġġudikaw b'mod imparzjali u ġust, u li jgawdu fiduċja u rispett ġenerali. Għall-anqas tlieta minn dawn il-persuni għandhom ikunu membri tal-partit għal tul l-aħħar sentejn.

**142.** Il-kummissjoni għandha:

a) tassigura li jkunu promulgati u, meta hemm bżonn, aġġornati, ir-regolamenti u l-kodiċi li għandhom x'jaqsmu mal-mandat tal-kummissjoni.

b) tara li dawn ir-regolamenti u kodiċi huma magħrufa sew mill-membri tal-partit, b'mod partikolari l-membri ta' xi kumitat, organizzazzjoni, l-uffiċjali, il-kandidati, Membri Parlamentari u Ewro-Parlamentari;

c) torganizza t-taħriġ meħtieġ għall-aħjar għarfien, prattika tajba u applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti u kodiċi;

d) teduka regolarment lill-membri tal-partit dwar l-użu u l-impatt pożittiv u dak negattiv tal-media soċjali;

e) tevalwa l-każijiet riferuti lilha mill-Kunsill Amministrattiv dwar ksur ta' dixxiplina u etika minn xi membru tal-partit u tirrakkomanda lill-Kunsill Amministrattiv il-miżuri li jidhrilha xierqa;

f) fuq talba tal-Kunsill Amministrattiv jew fuq inizjattiva tagħha stess tiggwida u tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill Amministrattiv dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regolamenti u kodiċi relattivi għall-mandat tagħha; u

g) tirrapporta kull sitt xhur lill-Kunsill Amministrattiv u lill-Kumitat Eżekuttiv.

**143.** (1) Il-kummissjoni għandu jkollha aċċess sħiħ għal kull informazzjoni jew dokumentazzjoni li tista' tkun relatata mal-ħidma tagħha u l-każijiet riferuti lilha.

(2) Kull uffiċjal u membru tal-partit għandu jidher quddiemha kull meta msejjaħ u jagħti x-xhieda u kull spjega oħra rilevanti għall-kwistjoni jew każ li tkun qed tistħarreġ.

**144.** (1) Kull membru tal-partit jista' b'responsabbiltà tiegħu jressaq, b'ittra liċ-chairperson tal-kummissjoni, ilment jew każ dwar imġiba mhux xierqa jew mhix etika daparti ta' xi membru ieħor tal-partit.

(2) Il-kummissjoni għandha b'ittra tinforma fi żmien sebat ijiem li rċeviet l-ilment jew każ u tiffissa laqgħa biex tisma' l-persuna li tkun bagħtet l-ilment jew każ. Wara li l-kummissjoni tisma' lil din il-persuna għandha tiddeċiedi hemmx każ li tkompli tistħarreġ.

(3) Il-kummissjoni għandha taġixxi, tistħarreġ u tiddeċiedi fi żmien raġonevolment qasir. Għandha fl-istess waqt tirrispetta d-dritt tal-membru

konċernat li jingħata smigħ xieraq kif ukoll tiżgura li l-proċeduri quddiemha jsiru dejjem skont il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

**145.** Laqgħa tal-kummissjoni tkun tista' tibda u tkompli jekk ikunu preżenti ċ-Chairperson u mill-inqas żewġ membri oħra.

**146.** (1) Il-kummissjoni għandha tiddeċiedi b'mod konsenswali, u fejn dan ma jkunx possibbli għandha tiddeċiedi b'maġġoranza tal-membri tagħha. Membri li ma jaqblux mad-deċiżjoni tal-maġġoranza għandhom dritt jissottomettu rapport minoritarju.

(2) Meta tiddeċiedi li xi membru naqas fil-ħarsien tar-regolamenti jew tal-kodiċi ta' etika jew dixxiplina, il-kummissjoni tista' tirrakkomanda lill-Kunsill Amministrattiv sanzjoni li tista' tkun waħda jew aktar minn dawn:

a) twiddiba u/jew ċanfira;

b) sospensjoni ta' sħubija fil-partit għal perjodu definit; jew

c) tkeċċija mill-partit.

(3) Il-kummissjoni tista' tirrakkomanda wkoll li l-Kunsill Amministrattiv jagħmel pubblika l-azzjoni li jkun ħa kontra l-membru konċernat.

**147.** (1) Id-deċiżjoni tal-Kunsill Amministrattiv dwar każi mressqa lilu mill-kummissjoni għandha tkun finali ħlief għal dawk il-każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tkeċċija ta' membru mill-partit, liema deċiżjoni tispetta lill-Kumitat Eżekuttiv skont l-artikolu 7 tal-Istatut.

(2) Il-laqgħat tal-Kummissjoni għandhom jinżammu fil-magħluq u kull diskussjoni, smigħ, informazzjoni u materja li tiġi quddiemhom għandha tkun privileġġjata bħala kunfidenzjali.

**Kummissjoni Elettorali, Rekords u Data**

**148.** Għandu jkun hemm Kummissjoni Elettorali, Rekords u Data, li tkun responsabbli għal kull elezzjoni fil-partit prevista f'dan l-Istatut kif ukoll għall-ipproċessar, żamma u protezzjoni ta' rekords u data personali dwar il-membri kif ukoll dwar min u kif għandu jkollu aċċess għal tali rekords u data.

**149.** Il-provvedimenti ta' din it-Taqsima għandhom jgħoddu għal rekords u data personali, kompletament jew parzjalment proċessati b'mezzi elettroniċi, u għal tali rekords u data personali li jiffurmaw parti minn sistema ta' arkivjar.

**150.** Il-kummissjoni għandha:

a) tissorvelja l-proċess sħiħ ta' sħubija fil-partit u tivverifika l-osservanza tar-regoli u proċeduri stabbiliti dwar sħubija valida;

b) taħżen ir-rekords/data mogħtija minn kull membru tal-partit fl-applikazzjoni ta' sħubija kif approvata skont dan l-Istatut;

c) torganizza kull elezzjoni u kull għadd ta' voti previsti fl-Istatut mill-elezzjoni ta' kumitat sezzjonali sa dik ta' Kap skont regolamenti mfassla mill-Kummissjoni u approvati mill-Kumitat Eżekuttiv;

d) tiggarantixxi li membri b'xi forma ta' diżabbiltà jkunu jistgħu jivvutaw b'libertà u fis-segretezza tal-vot;

e) tiddeċiedi dwar il-validità tal-elezzjonijiet miżmuma fil-partit;

f) taħżen u żżomm aġġornata l-informazzjoni u d-data rilevanti ta' kull membru li jkun ġie elett biex iservi f'xi kumitat, fergħa, organizzazzjoni jew organu mwaqqfa b'dan l-Istatut, u tal-impjegati tal-partit;

g) twettaq monitoraġġ u infurzar biex tipproteġi d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-membri u persuni oħra fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali;

h) tassigura li ż-żamma ta' kull informazzjoni personali tkun konformi mal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data;

i) tiffaċilita l-fluss ta' data personali dwar membri tal-partit bejnha u bejn uffiċjali, kumitati u organizzazzjonijiet tal-partit kif awtorizzata skont regolamenti mfassla minnha u approvati mill-Kumitat Eżekuttiv;

j) tassigura li din id-data tkun dejjem taħt il-kontroll tagħha; u

k) tirrapporta kull sitt xhur lill-Kunsill Amministrattiv.

**151.** (1) Il-Kummissjoni għandha tassigura li r-regolamenti adottati mill-Kumitat Eżekuttiv għat-tmexxija ta' kull elezzjoni fil-partit ikunu pubblikati u

magħrufa mill-membri tal-partit żmien sew adegwat qabel l-elezzjonijiet konċernati.

(2) Il-Kummissjoni għandha tassigura li kwalsijasi kampanja elettorali għal xi kariga fil-partit isseħħ b'mod korrett minn kull min ikun involut u li l-media tal-partit tkun indipendenti u imparzjali fil-konfront tal-kandidati involuti u għal dan l-iskop għandha d-dritt tagħti d-direttivi meħtieġa. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni Etika, Dixxiplina u Media Soċjali biex ikun assigurat li membri tal-partit ma jabbużawx minn xi medium soċjali bi ħsara għall-partit.

**152.** Id-dettalji dwar is-sħubija tal-membri tal-partit jew membri f'xi kumitat, fergħa jew organizzazzjoni tal-partit f'xi data partikolari jkunu definittivament dawk kif jirriżultaw mir-rekords/data personali miżmuma mill-Kummissjoni.

**153.** (1) Il-kummissjoni għandha tkun maħtura mill-Kumitat Eżekuttiv fuq proposta tal-Kunsill Amministrattiv u tkun komposta minn Chairperson, Viċi Chairperson u tliet membri.

(2) Il-Viċi Chairperson jaġixxi minflok iċ-Chairperson f'ċirkostanzi ta' mard, safar jew riżenja ta' dan tal-aħħar.

(3) Iċ-Chairperson u l-membri l-oħra tal-kummissjoni jiġu maħtura għal perjodu ta' tliet snin, u jistgħu jerġgħu jinħatru għal perjodu jew perjodi oħra ta' tliet snin. Il-membri fil-kummissjoni għandhom fi kwalunkwe każ jibqgħu fil-kariga sakemm tiġġedded il-kummissjoni.

B'dana, iżda, li l-Kumitat Eżekuttiv għandu jaħtar jew iġedded il-kummissjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel ikun se jiskadi t-terminu tagħha.

(4) Il-membri tal-kummissjoni ma jistgħux jitneħħew mill-kariga waqt il-ħatra, ħlief għal raġunijiet ta' inkapaċità ppruvata li jaqdu l-funzjonijiet tal-kariga tagħhom jew fuq imġiba ħażina, u dan ħlief fuq proposta tal-Kunsill Amministrattiv li jkollha favur tagħha l-vot ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri preżenti u li jivvutaw tal-Kumitat Eżekuttiv.

B'dana, iżda, li mozzjoni għal dan l-iskop tinħtieġ avviż ta' mhux anqas minn ħmistax-il jum qabel id-data tal-laqgħa li fiha l-Kumitat Eżekuttiv ikun se jiddiskuti u jiddeċiedi l-materja.

**154.** Iċ-Chairperson u l-membri tal-kummissjoni ma jistgħu jkunu involuti fl-ebda xogħol, funzjoni jew kariga oħra fil-partit ħlief dik li jkunu membri ta’ din il-kummissjoni.

**155.** (1) Iċ-Chairperson u l-membri l-oħra tal-kummissjoni għandhom ikunu magħrufa għall-integrità u l-onestà tagħhom, kompetenti biex iwettqu x-xogħol tal-kummissjoni b’mod imparzjali u fier, u li jgawdu fiduċja u rispett ġenerali. Għall-anqas tlieta minn dawn il-persuni għandhom ikunu membri tal-partit għall-aħħar sentejn.

(2) Persuna ma tkunx kwalifikata li tkun membru ta’ din il-kummissjoni jekk tkun membru tal-Grupp Parlamentari, Kunsillier Lokali, kandidat jew impjegata tal-partit jew ta’ xi entità kummerċjali tiegħu.

B’dana illi d-Direttur ELCOM għandu jgħin lill-Kummissjoni fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha u jista’ jiġi mistieden jattendi l-laqgħat bħala osservatur.

**156.** (1) Jekk xi membru tal-kummissjoni jkun qarib bil-konsangwinità jew biż-żwieġ sat-tieni grad ta’ xi wieħed mill-kandidati f’xi elezzjoni tal-uffiċjali tal-partit jew sħab f’xi negozju miegħu, għandu minnufih tissejjaħ laqgħa tal-kummissjoni u l-membru inkwistjoni għandu jinforma b’dan lill-membri l-oħra tal-kummissjoni u jirtira milli jieħu sehem fit-tmexxija ta’ dik l-elezzjoni.

(2) F’każ li tinħoloq vakanza temporanja fil-kummissjoni minħabba dak provdut f’dan l-artikolu, il-kummissjoni tista’ jekk tħoss il-ħtieġa titlob lill-Kumitat Eżekuttiv jaħtar persuna oħra kwalifikata skont kif provdut f’dan l-Istatut biex tkun membru tal-kummissjoni biss għal dik l-elezzjoni partikolari.

**157.** (1) Il-kummissjoni għandha tagħmel regolamenti biex tirregola l-proċedura tagħha stess, liema regolamenti jiġu preżentati għall-approvazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv.

(2) Kull deċiżjoni fil-kummissjoni tittieħed b’maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kummissjoni.

(3) F’każ ta’ voti ndaqs fil-kummissjoni, iċ-Chairperson ikollu vot deċiżiv.

(4) Il-Viċi Chairperson għandu jaġixxi minflok iċ-Chairperson f’ċirkostanzi ta’ mard, safar jew riżenja ta’ dan tal-aħħar. Jekk f’xi laqgħa tal-kummissjoni jkun hemm in-nuqqas kemm taċ-Chairperson kif ukoll tal-Viċi Chairperson, il-membri l-oħra għandhom jaħtru chairperson ad hoc għal dik il-laqgħa biss.

(5) Il-kworum waqt kull laqgħa huwa ta' tliet membri.

(6) Il-kummissjoni tista' taġixxi minkejja xi vakanza fost il-membri tagħha jew l-assenza ta' xi membru.

**158.** Fit-twettiq tal-kompiti u tas-setgħat tagħhom taħt din it-Taqsima u taħt ir-Regolamenti rilevanti, iċ-Chairperson u l-membri tal-kummissjoni għandhom jaġixxu skont dan l-Istatut b'mod kompletament indipendenti u jkunu liberi minn kull influwenza esterna, kemm diretta kif ukoll indiretta, u m'għandhomx la jitolbu u lanqas jieħdu istruzzjonijiet jew direzzjoni minn ebda persuna jew entità oħra fil-partit jew barra minnu.

B'dana, iżda, li t-twettiq tal-loġistika meħtieġa biex tiġi organizzata xi elezzjoni fil-partit għandu jseħħ f'koperazzjoni mal-organi u l-uffiċjali kompetenti skont dan l-Istatut.

**159.** (1) Il-kummissjoni għandha tagħżel persuna biex taġixxi ta' segretarju. Is-segretarju jkun responsabbli miż-żamma tal-minuti ta' kull laqgħa tal-kummissjoni u mill-amministrazzjoni ta' kuljum tal-ħidma tal-kummissjoni. L-istess kwalifiċi u skwalifiċi li japplikaw għall-membri tal-kummissjoni, japplikaw ukoll għas-segretarju. Is-segretarju ma jkollux vot.

(2) Fiż-żamma ta' kull elezzjoni l-kummissjoni għandha taħtar dak in-numru ta' assistenti kummissjonarji u assistenti oħra kif jidhrilha bżonjuż għall-qadi tajjeb tal-funzjonijiet tagħha. Tali personnel għandhom ikunu suġġetti għad-direzzjoni esklussiva tal-kummissjoni.

**160.** (1) Kull individwu jista' jappella minn deċiżjoni tal-kummissjoni għal kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

a) Li jkun sar żball materjali dwar il-fatti;

b) Li jkun hemm żball materjali fil-proċedura; jew

c) Li jkun sar żball fl-applikazzjoni tal-Istatut jew xi regolament magħmul taħtu.

(2) Kull min iħossu hekk aggravat b'xi deċiżjoni tal-kummissjoni għandu dritt ta' appell bil-miktub quddiem il-Kunsill Amministrattiv li jista' jeżerċitah fi żmien sebat ijiem minn meta jiġi mgħarraf bid-deċiżjoni tal-kummissjoni.

## TAQSIMA VI – ĠENERALI U KLAWSOLA TRANSITORJA

### Ilsien uffiċjali

**161.** L-ilsien Malti huwa l-ilsien uffiċjali tal-partit. B'dana, iżda, li l-amministrazzjoni tal-partit għandha tuża l-ilsien Ingliż u dawk l-ilsna l-oħra li jidhrilha meħtieġ biex tikkomunika ma' setturi differenti tal-elettorat u biex tmexxi l-ħidma politika, organizzattiva u internazzjonali tal-partit.

### Emblema tal-Partit

**162.** L-emblema tal-partit, popolarment magħrufa bħala l-'Maduma', għandha titqies bħala wirt storiku tal-partit. Il-partit jista' jadotta logos differenti għal attivitajiet differenti kif jidhirlu l-aktar effettiv fiċ-ċirkostanzi biex jikkomunika l-messaġġ tiegħu.

### Personalità Ġuridika

**163**. Il-partit huwa korp b'personalità legali distinta bis-setgħa li jagħmel kuntratti, li jħarrek u li jkun imħarrek, u li jagħmel kull ħaġ'oħra u li jidħol f'dawk it-transazzjonijiet li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju u għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu skont dan l-Istatut. Il-partit huwa persuna ġuridika waħda u l-Kumitati Sezzjonali, Reġjonali, Fergħat u kull organu ieħor huma parti integrali minn din il-persuna ġuridika u kull parti għandha topera skont dan l-Istatut.

**164**. Ir-rappreżentanza ġuridika tal-partit għandha tkun vestita fil-Kap jew fis-Segretarju Ġenerali jew fil-President tal-Kunsill Ġenerali.

B'dana, iżda, li l-Kunsill Amministrattiv jista' jaħtar wieħed jew aktar mill-uffiċjali tal-partit jew mill-impjegati tiegħu biex jidhru inrappreżentanza ad hoc tal-partit fi proċeduri ġudizzjarji, fuq xi kuntratt, kitba, skrittura jew affarijiet oħra.

### Mili ta' vakanza

**165**. Meta għal xi raġuni tinħoloq vakanza ta' membri f'xi pożizzjoni f'xi organizzazzjoni tal-partit, ħlief fil-każ ta' Kap u Viċi Kap tal-Partit, għandha tiġi segwita din il-proċedura:

a) F'każ li tinħoloq vakanza f'Kumitat Sezzjonali, dik il-vakanza għandha timtela mill-membru li jkun ġab l-aktar voti mil-lista relattiva jew, fin-nuqqas, mil-lista l-oħra; u jekk ma jkunx hemm aktar membri fuq il-listi li jistgħu jissejħu biex jimlew dik il-vakanza, il-Kummissjoni Elettorali għandha tagħti l-istruzzjonijiet meħtieġa lill-kumitat biex dik il-vakanza timtela permezz ta' membru kooptjat.

b) F'każ li xi persuna minn dawk imsemmija fl-Artikolu 46.1 (b, e, f u g) għal xi raġuni ma tibqax membru tal-Kumitat Eżekuttiv, il-post tagħha għandu jimtela minn dik il-persuna li fil-lista tal-elezzjoni rispettiva tkun ġabet l-akbar numru ta' voti. F'każ li ma jkun hemm l-ebda persuna bħal dik, il-Kummissjoni Elettorali għandha tieħu l-passi biex issir l-elezzjoni ħalli jimtela l-post vakat. Fi kwalunkwe vakanza oħra l-organu jew organizzazzjoni rispettiva għandha tieħu l-passi biex timla l-post hekk vakat.

c) F'każ li l-vakanza tkun tirrigwarda membri fil-Kunsill Ġenerali, dik il-vakanza għandha timtela mill-membru li jkun ġab l-aktar voti mil-lista relattiva; u jekk ma jkunx hemm aktar membri fuq il-listi li jistgħu jissejħu biex jimlew dik il-vakanza, il-Kummissjoni Elettorali għandha titlob lill-organizzazzjoni konċernata biex taħt l-awspiċji tagħha tniedi l-elezzjoni meħtieġa biex timtela dik il-vakanza.

d) Kull vakanza għandha timtela fi żmien mhux aktar tard minn tletin jum mid-data meta l-vakanza rispettiva ssir effettiva.

e) Kull membru li jimla vakanza taħt xi wieħed mis-subparagrafi preċedenti ta' dan l-artikolu jkun soġġett għall-provedimenti kollha li jirrigwardaw il-pożizzjoni jew uffiċċju li jkun ġie vakat, inkluż li jista' biss ikopri dik il-pożizzjoni għall-bqija tat-terminu oriġinali li għalih ikun ġie elett il-membru li jkun ivvaka dik il-pożizzjoni.

**166.** Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiddeċiedi fuq kull ħaġa oħra li mhux provdut għaliha f'dan l-Istatut, b'dan, iżda, li tali deċiżjoni, jekk meħtieġ, tkun ikkonfermata mill-Kunsill Ġenerali.

**167.** F'każ ta' riżenja mill-Kap tal-Partit u/jew tat-tmexxija tal-partit, l-istess Kap u tmexxija għandhom jibqgħu responsabbli għat-tmexxija tal-partit bħala gwardjani tiegħu (caretaker leadership) sakemm il-partit jeleġġi Kap u tmexxija ġdida, u jkunu obbligati li jassiguraw transizzjoni effettiva.

**168.** Deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni ta' dan l-Istatut u r-regolamenti magħmula taħtu, fejn dawn ma jkunux ċari, jagħtiha l-President tal-Kunsill Ġenerali bil-

miktub fl-organu tal-partit fejn tinqala' l-kwestjoni u jinżamm rekord ta' tali deċiżjoni.

## Tifsir

**169.** F'dan l-Istatut u f'kull regolament magħmul bis-saħħa tiegħu, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra –

- "distrett elettorali" għandha l-istess tifsira bħal fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap 354) Taqsima IV;
- "kandidat" tfisser membru tal-partit li jkun ġie debitament approvat mill-Kumitat Eżekuttiv skont dan l-Istatut biex ikun kandidat f'isem il-partit f'xi elezzjoni nazzjonali, Ewropea jew lokali;
- "kariga uffiċjali" tfisser xi waħda mill-karigi msemmija fl-artikolu 11 ta' dan l-Istatut;
- "kummissjoni elettorali" tfisser il-kummissjoni stabbilita bl-artikolu 148 ta' dan l-Istatut;
- "kumitat sezzjonali' tfisser il-kumitati tal-partit fid-diversi bliet, irħula u lokalitajiet ta' Malta u Għawdex u "sezzjoni" tfisser xi waħda minn dawn l-ibliet, raħal jew lokalità;
- "regolari fil-ħlas tas-sħubija" tfisser li l-membru rispettiv ikollu s-sħubija mħallsa sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja preċedenti.
- "membru" tfisser persuna li tkun issieħbet fil-partit skont dan l-Istatut u "membru assoċjat' għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 8 ta' dan l-Istatut;
- "organizzazzjoni" tinkludi kumitat, organu, fergħa, netwerk, forum, uffiċċju jew xi grupp ieħor imwaqqaf mill-Kumitat Eżekuttiv tal-partit;
- "organu" tfisser il-Kunsill Amministrattiv, il-Kumitat Eżekuttiv jew il-Kunsill Ġenerali;
- "partit" tfisser Il-Partit Nazzjonalista – bl-isem abbrevjat ikun PN;
- "reġistru elettorali" tfisser ir-reġistru elettorali għal elezzjoni ġenerali li fih ikunu reġistrati l-persuni kollha li jkollhom jedd jivvutaw

f'elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti u li jkun pubblikat mill-Kummissjoni Elettorali taħt l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap 354);

- "residenza" u "normalment tirrisjedi", fir-rigward ta' membri tal-partit, tfisser l-indirizz li jirriżulta mill-Karta tal-Identità tal-imsemmija membri;

  B'dana, iżda, li għall-finijiet tad-drittijiet tagħhom fil-partit bħala tesserati, membri għandhom id-dritt jirreġistraw fir-rekords tal-kummissjoni elettorali dak l-indirizz f'dik il-lokalità li għalihom hu konvenjenti, u għall-finijiet ta' dan l-Istatut huwa dan l-indirizz li għandu jgħodd u mhux dak imniżżel fil-Karta tal-Identità tal-Membru;

  B'dana illi membru ma jkunx jista' jibdel l-indirizz reġistrat fit-tliet xhur ta' qabel elezzjoni għal xi kumitat sezzjonali; u

  B'dana illi wkoll il-piż li tali reġistrazzjoni ssir u tinżamm aġġornata jaqa' fuq il-membru konċernat;

- "tessera" tfisser dokument regolarment maħruġ mill-kummissjoni elettorali bħala prova li d-detentur huwa membru tal-partit regolari fil-ħlas dovut għas-sħubija għas-sena indikata fid-dokument.

Sakemm ma jkunx imfisser mod ieħor, kull kelma fil-maskil f'dan l-Istatut għandha titqies li tirreferi għall-femminil ukoll, u kull kelma fil-plural tinkludi wkoll is-singular.

**Setgħa biex isiru regolamenti mill-Kumitat Eżekuttiv**

**170.** Il-Kumitat Eżekuttiv jista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Amministrattiv, biex jagħti seħħ lil kull dispożizzjoni ta' dan l-Istatut, jew biex jirregola jew xort'oħra, jipprovdi dwar kull ħaġa għar-rigward tal-funzjonijiet u l-attivitajiet li jaffettwaw il-politika, it-tmexxija u l-ħidma tal-partit skont dan l-Istatut, jadotta regolamenti, fost ħwejjeġ oħra, għal kull materja minn dawn li ġejjin:

a) il-prattika, il-proċedura, il-formoli, l-informazzjoni meħtieġa, it-tessera, ir-residenza normali ta' membru, skemi differenti ta' sħubija, l-involviment u r-rwol ta' membri assoċjati, il-ħlas dovut kull sena tad-drittijiet ta' sħubija, u kull materja oħra konnessa ma' sħubija fil-partit;

b) it-tmexxija u l-ħidma tal-kumitati sezzjonali, inkluż dwar il-prattika, l-operat u l-proċedura konnessa mal-elezzjoni tal-kumitat, mal-laqgħat, id-dmirijiet tal-uffiċjali u tmexxija tal-każin/uffiċċju tal-partit fil-lokal;

c) it-tmexxija u l-ħidma tal-kumitati reġjonali, inkluż dwar il-prattika, l-operat u l-proċedura konnessa mal-elezzjoni tal-kumitat, l-elezzjoni tal-kumitat reġjonali għal Għawdex, mal-laqgħat, id-dmirijiet tal-uffiċjali u l-manager reġjonali;

d) kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-funzjonijiet, it-tmexxija, il-prattika, il-proċedura, l-amministrazzjoni u l-operat tal-Kumitat Eżekuttiv, tal-Kunsill Amministrattiv, tal-Kunsill Ġenerali, tal-fergħat u ta' kull organizzazzjoni oħra tal-partit;

e) kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-uffiċjali u l-impjegati tal-partit u li mhijiex speċifikament diġà regolata b'dan l-Istatut;

f) kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-infiq u d-dħul tal-partit, l-estimi u l-kontijiet tiegħu, u l-verifika tagħhom;

g) il-mod kif isiru elezzjonijiet fil-partit imsemmija fil-provvedimenti ta' dan l-Istatut u l-jedd għall-vot tal-membri f'tali elezzjonijiet, inkluż kull modalità meħtieġa biex issir l-evalwazzjoni ta' idoneità u diliġenza pruvata tal-persuni li juru interess biex ikunu kandidati taħt il-provvedimenti ta' dan l-Istatut; u

h) tibdil jew aġġornament fl-Iskeda jew ħolqien ta' skedi ġodda.

**It-Test Malti**

**171.** Bejn it-test Malti ta' dan l-Istatut u t-test tiegħu f'xi lingwa oħra għandu jipprevali dejjem it-test bil-Malti.

**Klawsola Transitorja**

**172.** (1) Il-membri tal-Kumitati Sezzjonali, Fergħat, Kumitat Eżekuttiv u Kunsill Ġenerali għandhom jibqgħu fil-kariga attwali sakemm jiġu eletti l-membri l-ġodda f'dawn l-organizzazzjonijiet taħt il-provvedimenti ġodda ta' dan l-Istatut.

(2) L-uffiċjali attwali tal-partit jibqgħu inkariga jkopru l-funzjonijiet tagħhom sakemm jiġu eletti l-uffiċjali l-ġodda taħt il-provvedimenti ġodda ta' dan l-Istatut.

(3) Minkejja kull provvediment ieħor f'dan l-Istatut, elezzjoni għal Viċi Kap tal-partit imsemmi fl-Artikolu 11 tal-Istatut m'għandhiex issir qabel il-Kummissjoni Elettorali (Kap 354 tal-Liġijiet ta' Malta) tippubblika r-riżultat uffiċjali tal-ewwel elezzjoni ġenerali li ssir għall-Kamra tad-Deputati wara l-25 ta' Ġunju 2020, id-data li fiha l-Kunsill Ġenerali adotta dan l-Istatut, u b'hekk iż-żewġ Viċi Kapijiet tal-Partit eżistenti jibqgħu fil-kariga li għaliha ġew eletti sa meta jseħħ il-proċess previst mill-artikoli rilevanti ta' dan l-Istatut.

(4) Il-provvedimenti ta' dan l-Istatut għandhom jingħataw seħħ minnufih mingħajr ebda preġudizzju għal provvedimenti ta' dan l-artikolu, inkluż li d-dmirijiet u l-funzjonijiet previsti f'dan l-Istatut jgħaddu fuq l-uffiċjali attwali sad-data li fiha jiġu eletti l-membri l-ġodda fil-karigi, organi u kumitati relattivi.

## SKEDA

### Elezzjoni ta' membri tal-partit fil-Kunsill Ġenerali (Artikolu 81 (a))

Il-kriterji u l-metodu għall-elezzjoni ta' membri tal-partit fil-Kunsill Ġenerali skont l-artikolu 74 (a) tal-Istatut għandhom ikunu kif ġej:

Kull distrett għandu jiġi allokat l-istess numru ta' kunsillieri fil-Kunsill Ġenerali.

Il-membri li jintgħażlu biex ikunu membri tal-Kunsill Ġenerali, jekk ma jkunux diġà membri tal-kumitat sezzjonali, għandhom ikunu membri attivi u magħrufa għall-impenn regolari tagħhom fil-ħidma u l-attivitajiet tal-partit.

Dan in-numru għandu jiġi stabbilit billi:

i. Jittieħed ir-Reġistru Elettorali għall-fini ta' elezzjoni ġenerali għall-Kamra tad-Deputati (Kap 354 tal-Liġijiet ta' Malta) pubblikat qabel issir l-elezzjoni għall-kumitat sezzjonali, u għal kull lokalità jinstab in-numru li jirriżulta meta n-numru ta' eletturi reġistrati ta' dik il-lokalità jiġi diviż b'500 (jew parti minn 500);

ii. Dan in-numru għandu jiżdied man-numru ta' Kunsillieri Lokali eletti f'isem il-partit u b'hekk joħroġ numru għal kull lokalità;

iii. Għandhom imbagħad jingħaddu n-numru riżultanti għal kull lokalità distrett distrett biex b'hekk ikun hemm numru sħiħ għal kull distrett;

iv. In-numru tad-distrett li jkun l-akbar għandu jkun in-numru ta' membri allokati lil kull distrett fil-Kunsill Ġenerali;

v. Dan in-numru ta' kunsillieri għandu jiġi distribwit bejn il-kumitati sezzjonali ta' kull distrett bi proporzjon tan-numru ta' eletturi li kull lokal ikollu reġistrati fl-imsemmi Reġistru Elettorali u b'hekk ikun magħruf kull sezzjoni kemm hi allokata kunsilliera;

vi. L-allokazzjoni ta' kunsilliera għal kull sezzjoni għandha timtela l-ewwel mill-membri tal-Kumitat Sezzjonali; jekk dawn ma jkunux biżżejjed il-Kumitat għandu jagħżel il-bilanċ meħtieġ skont regoli magħmula taħt dan l-Istatut.

Adottat b’vot unanimu mill-Kunsill Ġenerali PN

tal-25 ta’ Ġunju 2020

| | |
|---|---|
| **Ċensu Galea** | **Francis Zammit Dimech** |
| President tal-Kunsill Ġenerali | Segretarju Ġenerali |

**Nota għall-attenzjoni tal-qarrejja:** Is-Segretarju Ġenerali tal-partit ġie awtorizzat mill-Kunsill Ġenerali li jikkoreġi żbalji ta’ ortografija, punteġġjatura, enumerazzjoni u żbalji oħra. Dan il-proċess mistenni jagħlaq fit-30 ta’ Settembru 2020. Kull min jinnota xi żball ġentilment jinforma fuq francis.zammit-dimech@pn.org.mt.